

Brussell, 29 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

10542/21

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0114 (COD)

TRANS 459
FISC 116
ENV 484
CODEC 1046

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li tiġi adottta DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi

DIRETTIVA (UE) 2021/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

**li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520,
fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 81, 2.3.2018, p. 188.

² ĠU C 176, 23.5.2018, p. 66

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2010 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ... (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew....(għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

Billi:

- (1) Il-progress lejn il-kisba tal-mira ffissata mill-Kummissjoni fil-White Paper tagħha tat-28 ta' Marzu 2011 intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, jiġifieri li għandu jsir progress lejn l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u ta' "l-utent iħallas", sabiex jiġi ġġenerat id-dħul u jiġi żgurat il-finanzjament għall-investment futur fit-trasport, kien wieħed kajman ħafna u għad hemm inkonsistenzi fl-applikazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura tat-toroq madwar l-Unjoni.
- (2) F'dik il-White Paper, il-Kummissjoni tirrakkomanda li nimxu "lejn internalizzazzjoni sħiħa u obbligatorja tal-ispejjeż esterni (inkluż l-istorbju, it-tniġġis lokali u l-konġestjoni apparti l-irkupru obbligatorju tal-ispejjeż tat-tkagħbir bl-użu) għat-trasport bit-triq u bil-ferrovija".
- (3) Il-moviment tal-vetturi tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa fattur li jikkontribwixxi għall-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa fl-atmosfera. Tali sustanzi niġġiesa, li għandhom impatt serju ħafna fuq is-saħħa tan-nies u jwasslu għad-deterjorament tal-kwalità tal-arja ambjentali fl-Unjoni, jinkludu l-PM2,5, l-NO2 u l-O3. Skont stimi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ippubblikati fl-2020, fl-2018 l-esponiment fit-tul għal dawk it-tliet sustanzi niġġiesa kkaġunaw rispettivament 379 000, 54 000 u 19 400 każ ta' mewt prematur fl-Unjoni ,

- (4) Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-istorbju mit-traffiku fit-toroq waħdu huwa t-tieni fattur ta' stress ambjentali l-aktar dannuż fl-Ewropa, wara t-tniġġis tal-arja. Mill-inqas 9 000 każ ta' mewt prematura fis-sena jistgħu jiġu attribwiti lill-mard tal-qalb ikkawżat mill-istorbju mit-traffiku.
- (5) Skont ir-rapport tal-2020 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar il-kwalità tal-arja fl-Ewropa, fl-2018 it-trasport bit-triq kien is-settur bl-aktar emissjonijiet ta' NOx u t-tieni l-akbar emittent tat-tniġġis bil-karbonju iswed.
- (6) Fil-komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Lulju 2016 intitolata “Strateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi”, il-Kummissjoni ħabbret li ser tipproponi l-emendar tad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ sabiex tippermetti tariffi wkoll abbażi tad-differenzjazzjoni tad-diossidu tal-karbonju, u l-estensjoni ta' xi wħud mill-prinċipji tagħha għax-xarabanks u l-kowċis, kif ukoll għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief.

¹ Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

- (7) Filwaqt li jitqies il-perijodu ta' żmien biex tiġġedded il-flotta tal-vetturi u l-ħtieġa li s-settur tat-trasport bit-triq jikkontribwixxi għall-miri tal-klima u tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030 u lil hinn, ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ stabbilixxa l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ għall-vetturi tqal ġodda għall-2025 u l-2030 fil-livell ta' 15 % u rispettivament 30 % inqas minn medja stabbilita ta' emissjonijiet ta' CO₂.
- (8) Biex jiġi stabbilit suq intern tat-trasport bit-triq b'kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, jenħteġ li r-regoli jiġu applikati b'mod uniformi. Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' din id-Direttiva huwa l-eliminazzjoni ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-utenti.
- (9) Minkejja l-importanza tas-settur tat-trasport bit-triq, il-vetturi tqal kollha għandhom impatt sinifikanti fuq l-infrastruttura tat-toroq u jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja. Minkejja l-importanza soċjali u ekonomika tagħhom, il-vetturi ħfief huma l-oriġini tal-maġġoranza tal-impatti ambjentali u soċjali negattivi mit-trasport bit-triq fir-rigward tal-emissjonijiet u l-konġestjoni. Fl-interess tat-trattament ugwali u l-kompetizzjoni ġusta, jenħteġ li jiġi żgurat li l-vetturi li sa issa mhumiex koperti mill-qafas stabbilit fid-Direttiva 1999/62/KE, fir-rigward tal-pedaġġi u t-tariffi għall-utent, jiġu inklużi f'dak il-qafas. Għalhekk, jenħteġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jiġi estiż għall-vetturi tqal minbarra daww maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija u għall-vetturi ħfief, inkluż l-karozzi tal-passiġġieri.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE, (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).

- (10) Sabiex jiġi evitat li t-traffiku jibda juża t-toroq mingħajr pedaqġi, li jista' jkollu impatt serju fuq is-sikurezza tat-toroq u fuq l-użu ottimali tan-network tat-toroq, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimponu pedaqġi fuq is-sezzjonijiet kollha tan-network ta' awtostradi tagħhom.
- (11) Sabiex ikun hemm applikazzjoni konsistenti u armonizzata tas-sistema ta' tariffi għall-infrastruttura madwar l-Unjoni u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-suq tat-trasport tal-merkanzija, huwa importanti li arranġamenti differenti ta' pedaqġ jikkalkulaw l-ispejjeż b'mod simili. Peress li l-kuntratti ta' konċessjoni eżistenti jistgħu jinkludu arranġamenti differenti minn dawk previsti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li sabiex tiġi żgurata l-vijabilità finanzjarja tal-kuntratti ta' konċessjoni eżistenti, l-Istati Membri jitħallew jeżentawhom minn ċerti obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva, sakemm dawk il-kuntratti jiġu emendati b'mod sostanzjali. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu wkoll li jfittxu li jġibu l-kuntratti ta' konċessjoni eżistenti konformi mal-bidliet għall-qafas regolatorju nazzjonali jew tal-Unjoni jew li jivvalutaw il-possibbiltà li japplikaw tariffa għall-ispejjeż esterni għas-CO₂ u għat-tniġġis tal-arja u/jew skontijiet relatati ma' dawk l-emissjonijiet, fejn il-pedaqġi ta' konċessjoni ma jkunux varjati f'konformità ma' din id-Direttiva..

- (12) It-tariffi għall-utent abbażi tal-ħin, min-natura tagħhom, ma jirriflettux l-ispejjeż reali kkawżati mill-użu fit-triq u, għal raġunijiet simili, mhumiex effikaċi bħala inċentiv għal operazzjonijiet aktar nodfa u aktar effiċjenti, jew it-tnaqqis tal-konġestjoni. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni mill-utenti tal-iskemi futuri tat-tariffi għall-użu tat-triq, jenħtieġ li l-Istati Membri jithallem jintroduċu sistemi adegwati għall-ġbir tat-tariffi bħala parti minn pakkett usa' ta' servizzi ta' mobbiltà. Sistemi bħal dawn għandhom jiżguraw distribuzzjoni ġusta tal-ispejjeż tal-infrastruttura u jirriflettu l-prinċipju ta' 'min iniġġes iħallas'. Jenħtieġ li kwalunkwe Stat Membru li jintroduċi sistema bħal din jiżgura li din tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.⁶ Minħabba l-impatt sinifikanti li għandhom fuq l-infrastruttura tat-toroq u l-kontribut tagħhom għat-tniġġis tal-arja, jenħtieġ li tkun prijorità li l-vetturi tqal ikunu fil-mira ta' sistemi tat-tariffi preċiżi. B'mod partikolari, sabiex jiġu promossi operazzjonijiet tat-trasport aktar nodfa u effiċjenti tal-vetturi tqal, jenħtieġ li, fil-prinċipju, it-tariffi għall-utent abbażi tal-ħin jitneħħew gradwalment fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni, peress li dak in-network fih l-aktar nodi u konnessjonijiet strateġikament importanti fin-network trans-Ewropew tat-trasport.

¹ Id-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (ĠU L 91, 29.3.2019 p. 45).

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi storiċi u b'kont meħud tal-isfidi u l-piżijiet amministrattivi sinifikanti assoċjati mal-introduzzjoni ta' pedaġġi, jenħtieġ li l-Istati Membri jibbenefikaw minn perijodu tranżizzjonali twil biżżejjed li matulu jkunu jistgħu jintroduċu jew iżommu tariffi għall-utent abbażi tal-ħin. Wara dak il-perijodu tranżizzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkollhomx il-possibbiltà li japplikaw tariffi għall-utent ibbażati għalkollox fuq il-ħin għall-vetturi tqal fuq sezzjonijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni tagħhom ħlief f'każijiet debitament ġustifikati. Tali każijiet debitament ġustifikati jenħtieġ li jkunu limitati għal każijiet fejn l-applikazzjoni ta' pedaġġ fuq vetturi tqal tkun tinvolvi spejjeż amministrattivi, ta' investiment u operatorji sproporzjonati meta mqabbla mad-dħul jew benefiċċji mistennija ġġenerati, pereżempju minħabba t-tul limitat tas-sezzjonijiet tat-toroq ikkonċernati jew id-densità relattivament baxxa tal-popolazzjoni jew it-traffiku relattivament baxx, jew fejn l-applikazzjoni ta' pedaġġ tkun twassal għad-devjazzjoni tat-traffiku b'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq jew fuq is-saħħa pubblika. Dik il-possibbiltà li l-Istati Membri, f'każijiet debitament ġustifikati, hija waħda meħtieġa għal kunsiderazzjonijiet ewlenin ta' interess pubbliku bħall-kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni diffiċli u l-iżolament ta' żoni b'densità ta' popolazzjoni baxxa, is-sikurezza fit-toroq jew is-saħħa pubblika. Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' tariffi għall-utent abbażi tal-ħin f'dawn il-każijiet debitament ġustifikati jenħtieġ li tkun soġġetta għall-konformità mar-rekwiżiti proċedurali: obbligu li tiġi vvalutata l-ħtieġa għal tali sistema u obbligu li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata dwar l-applikazzjoni tagħha. Tali notifika jenħtieġ li tinkludi raġunijiet li jagħtu dettalji dwar iċ-ċirkostanzi speċifiċi relatati mas-sezzjonijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni fejn jiġu applikati tariffi għall-utent abbażi tal-ħin.

- (13) L-Istati Membri li, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, japplikaw pedaġġi fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni tagħhom jew fuq parti minnu jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu sistema tat-tariffi kombinata għall-vetturi tqal kollha jew għal xi tipi ta' vetturi tqal. Madankollu, jenħtieġ li dik l-għażla tkun miftuħa biss bħala kontinwazzjoni u bħala suppliment ta' sistema ta' pedaġġ fin-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni, fejn jinsabu l-aktar nodi u konnessjonijiet strateġikament importanti tan-network trans-Ewropew tat-trasport, jew f'parti minnu. Dik is-sistema tkun tippermetti lill-Istati Membri jestendu u jwessgħu l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' 'l-utent iħallas' u ta' 'min iniġġes iħallas' lil hinn min-network bil-pedaġġ, billi japplikaw tariffi għall-utent fuq dawk is-sezzjonijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni li mhumiex koperti minn pedaġġi jew għal xi tipi ta' vetturi tqal, bħal dawk li jaqgħu taħt tunnellaġġ speċifiku, li mhumiex soġġetti għal pedaġġi. Is-sistema tat-tariffi kombinata għalhekk tkun qed tgħin lill-Istati Membri jagħmlu aktar progress u tiżgura trasport bit-triq aktar ekoloġiku, b'mod partikolari fejn ma jkun hemm ebda sistema tat-tariffi fis-seħħ u fejn il-pedaġġi ma jkunux għażla ekonomikament vijabbli jew soċjalment aċċettabbli. Barra minn hekk, sabiex jiġu rrispettati bis-sħiħ il-prinċipji tal-mobbiltà sostenibbli, l-ammont massimu ta' dawk it-tariffi għall-utent jenħtieġ li jvarja kemm skont il-klassi ta' emissjonijiet Euro kif ukoll skont il-klassi ta' emissjonijiet ta' CO2 tal-vettura. Abbażi ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet kollha, huwa inkontestabbli li l-applikazzjoni ta' tali sistema li tikkombina approċċ ibbażat fuq il-ħin u bbażat fuq id-distanza tkun tinvolvi ħafna benefiċċji; għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni tagħha tkun possibbli wkoll wara t-tmiem tal-perijodu tranżitorju għas-sistemi bbażati għalkollox fuq il-ħin. Sa mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri, meta jimponu t-tariffi għall-użu tat-triq fuq il-vetturi tqal tal-merkanzija, jimponu pedaġġi jew tariffi għall-utent fuq il-vetturi tqal kollha tal-merkanzija.

- (14) Meta jissaħħu l-prinċipji tal-utent u ta' min iniġġes iħallas, jenħtieġ li jitqiesu ċerti karatteristiċi tal-Istati Membri jew tas-sistemi ta' pedaġġ u tariffi għall-utent tagħhom. Pereżempju, fir-rigward ta' żoni b'popolazzjoni b'densità partikularment baxxa jew network partikularment kbir ta' toroq b'pedaġġ jew tariffi, jenħtieġ li tkun disponibbli l-possibbiltà li jiġu previsti eżenzjonijiet għal sezzjonijiet ta' toroq.

- (15) Xi Stati Membri għandhom networks kbar b'pedaġġ li jinkludu ħafna aktar awtostradi u toroq minn dawk biss li huma parti min-network trans-Ewropew tat-trasport. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' pedaġġi jew tariffi għall-utent għall-vetturi tqal tal-merkanzija kollha tirriżulta f'piżijiet ferm aktar estensivi, speċjalment għan-negozji żgħar u ta' daqs medju tal-artiġjanat (li ħafna minnhom huma involuti f'xogħol ta' kostruzzjoni, u li tipikament ma jipprovdux servizzi tat-trasport). Dawk il-piżijiet min-naħa tagħhom iwasslu għal prezzijiet oġhla, pereżempju fil-qasam tal-kostruzzjoni. Iż-żidiet fil-prezzijiet jistgħu jfissru li l-investimenti futuri b'mod partikolari, bħar-rinnovazzjoni enerġetika tad-djar u l-appartamenti kif ukoll il-modernizzazzjoni tat-teknoloġija tad-djar, jiġu posposti jew saħansitra kkanċellati. Barra minn hekk, in-negozji tal-artiġjanat xi kultant jivvjaġġaw b'vetturi sabiex jipprovdu s-servizzi tagħhom u dawk il-vjaġġi ma jistgħux jitwettqu faċilment bl-użu modi oħra ta' trasport. Barra minn hekk, il-kumpanniji minn reġjuni rurali, li minħabba t-tnaqqis fid-densità tal-popolazzjoni u d-domanda f'dawk ir-reġjuni, huma dipendenti fuq l-abbiltà tagħhom li jipprovdu servizzi u attivitajiet ta' kostruzzjoni f'żoni metropolitani, isibu ruħhom f'sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġuża meta mqabbla ma' kumpanniji li joperaw fi bliet kbar jew fil-periferija taż-żoni metropolitani. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw l-opzjoni li jipprevedu ċerti eżenzjonijiet mit-tariffi, bħal dik fuq vetturi użati għall-ġarr ta' materjali, tagħmir jew makkinarju għall-użu tas-sewwieq matul ix-xogħol tax-xufier jew użati għall-konsenja ta' merkanzija prodotta fuq bażi artiġjanali.

- (16) Il-possibbiltà li jintużaw toroq soġġetti għal tariffi għall-użu tat-triq, bħall-awtostradi, mini jew pontijiet, minflok toroq lokali diffiċli tista' tkun importanti għall-persuni b'diżabilità. Sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jużaw toroq soġġetti għal tariffi għall-użu tat-triq mingħajr piż amministrattiv addizzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jeżentaw il-vetturi ta' persuni b'diżabilità mill-obbligu li jħallsu pedaġġ jew tariffa għall-utent.
- (17) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jqisu l-fatturi soċjoekonomiċi meta japplikaw skemi ta' tariffi għall-infrastruttura tat-toroq għall-karozzi tal-passiġġieri. Pereżempju, it-tariffi għall-karozzi tal-passiġġieri jistgħu jiġu aġġustati sabiex tiġi evitata penalizzazzjoni eċċessiva tal-utenti frekwenti.
- (18) Huwa ta' importanza partikolari li l-Istati Membri jistabilixxu sistema tat-tariffi ġusta, b'mod partikolari waħda li ma tippenalizzax lill-utenti ta' vetturi privati li, minħabba l-post tar-residenza tagħhom f'żona rurali jew f'żoni li diffiċli li wieħed jaċċedi għalihom jew iżolati, ikollhom bilfors jużaw b'mod aktar regolari toroq prinċipali soġġetti għal tariffi.
- (19) Bħal fil-każ ta' vetturi tqal, huwa importanti li jiġi żgurat li, jekk l-Istati Membri jintroduċu kwalunkwe tariffa abbażi tal-ħin li tiġi applikata għall-vetturi ħfief, din tkun proporzjonata, inkluż fir-rigward ta' perijodi tal-użu ta' iqsar minn sena. F'dak ir-rigward, jeħtieġ li jitqies il-fatt li vetturi ħfief għandhom xejriet tal-użu li jvarjaw minn dawk ta' vetturi tqal. Il-kalkolu ta' tariffi proporzjonati abbażi tal-ħin jista' jkun ibbażat fuq id-data disponibbli dwar ix-xejriet tal-vjaġġi.

- (20) Skont id-Direttiva 1999/62/KE, tariffa għall-ispejjeż esterni tista' tiġi imposta fuq livell qrib għall-ispiża marġinali soċjali tal-użu tal-vettura kkonċernata. Irriżulta li dak il-metodu huwa l-aktar mod ġust u effiċjenti biex jitqiesu l-impatti ambjentali u tas-saħħa negattivi tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju ġenerati minn vetturi tqal, u jkun jiżgura li l-vetturi tqal l-Agħmlu kontribut ġust biex jintlaħqu l-istandards għall-kwalità tal-arja għall-Ewropa stabbilita bid-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ kif ukoll kwalunkwe limitu jew mira applikabbli għall-istorbju. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' tariffi bħal dawn tiġi ffaċilitata. Jenħtieġ li t-tariffi għall-ispejjeż esterni jiġu applikati b'mod aktar sistematiku. Biex jersqu viċin l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw tariffi għall-ispejjeż esterni għall-vetturi tqal, tal-anqas għat-tniġġis tal-arja, fuq networks koperti minn tariffa għall-infrastruttura.
- (21) Għal dak l-għan, jenħtieġ li t-tariffi massimi tal-medja ponderata għall-ispejjeż esterni tiġi ssostitwita mill-valuri ta' referenza aġġornati fid-dawl tal-inflazzjoni, il-progress xjentifiku li jkun sar biex jiġu smati l-ispejjeż esterni tat-trasport bit-triq u l-evoluzzjoni tal-kompożizzjoni tal-flotta.

¹ Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, (ĠU L 152, 11.06.2008, p. 1).

- (22) Il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura skont il-klassi tal-emissjonijiet Euro kkontribwiet għall-użu ta' vetturi aktar nodfa. Madankollu, bit-tiġdid tal-flotot tal-vetturi, il-varjazzjoni tat-tariffi fuq dik il-bażi fin-network interurban mistennija ssir inqas effettiva fuq terminu medju. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew itemmu l-varjazzjoni fil-pedaġġ fuq dik il-bażi.
- (23) Fl-istess ħin, billi s-sehem tal-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi tqal qed jiżdied, jenħtieġ li tiġi introdotta varjazzjoni fit-tariffi għall-infrastruttura u fit-tariffi għall-utent skont il-klassi tal-emissjonijiet ta' CO₂, li tkun kapaċi tikkontribwixxi għat-titjib f'dan il-qasam. Fil-każ ta' sistemi komuni ta' tariffi għall-utent, li jistgħu jikkontribwixxu għal aktar armonizzazzjoni, l-implimentazzjoni tal-varjazzjoni hija aktar kumplessa, b'mod partikolari minħabba l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati minn tali sistemi komuni. Peress li l-Istati Membri parteċipanti jridu jaqblu dwar id-distribuzzjoni tad-dħul li jakkumula mit-tariffa għall-utent filwaqt li l-livelli tagħha huma limitati mid-dispożizzjonijiet introdotti minn din id-Direttiva kif ukoll jemendaw ftehimiet internazzjonali, huwa ġġustifikat, f'każ speċifiku bħal dan, li jingħata żmien addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-varjazzjoni skont l-emissjonijiet ta' CO₂. Fil-każijiet kollha, jenħtieġ li l-varjazzjoni tkun imfassla b'mod li tkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2019/1242.

- (24) Sakemm l-emissjonijiet ta' CO2 jiġu indirizzati permezz ta' strumenti aktar adatti, b'hat-taxxi armonizzati fuq il-karburant inkluż komponent tal-karbonju jew sakemm it-trasport bit-triq ikun kopert minn sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew japplikaw ukoll tariffa għall-ispejjeż esterni li tkun tirrifletti l-ispjża tal-emissjonijiet ta' CO2. Fejn ikun iġġustifikat minn evidenza xjentifika, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw tariffi oġhla għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO2 mill-valuri ta' referenza stabbiliti f'din id-Direttiva.
- (25) Sabiex tiġi promossa l-bidla lejn flotta ta' vetturi aktar nadifa ta' vetturi tqal, jenħtieġ li l-varjazzjoni fit-tariffi tal-infrastruttura u għall-utent skont l-emissjonijiet ta' CO2 tagħhom tkun obligatorja, ħliet fejn tiġi applikata tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO2.
- (26) Sabiex jiġu ppremjati l-vetturi tqal bl-aħjar prestazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew japplikaw l-oġhla livell ta' tnaqqis fit-tariffi għal vetturi mħaddma mingħajr emissjonijiet mill-egżost. Biex ikomplu jippromwovu l-introduzzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet zero, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jeżentawhom b'mod temporanju mit-tariffi għall-użu tat-triq. Għall-istess raġunijiet u biex jiġi żgurat li s-sehem tal-vetturi li jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-pedaġġ jibqa' stabbli matul is-snin, filwaqt li tiġi garantita ċ-ċertezza għall-ippjanar fit-tul għall-Istati Membri f'termini ta' dħul mill-pedaġġ, jenħtieġ li vetturi ġodda jiġu allokati fi klassijiet tal-emissjonijiet ta' CO2 abbażi tal-prestazzjoni tagħhom kontra t-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet lineari bejn l-2021 u l-2030, kif definit fir-Regolament (UE) 2019/1242.

(27) Sabiex jiġu żgurati l-effettività u l-koerenza tal-varjazzjoni tat-tariffi skont l-emissjonijiet ta' CO₂ u tat-tariffi għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂, li t-tnejn li huma maħsuba biex jiżblukaw l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi jew zero, kif ukoll biex ikun hemm applikazzjoni koerenti tad-Direttiva 1999/62/KE ma' kwalunkwe strument ieħor tal-ipprezzar tal-karbonju relatat mat-trasport bit-triq li jiġi adottat fil-futur, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-effettività u n-neċessità tagħhom fil-ħin. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fejn ikun xieraq, tipproponi l-emendar tad-dispożizzjonijiet dwar il-varjazzjoni tat-tariffi skont l-emissjonijiet ta' CO₂ u tat-tariffi għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂, sabiex jiġu evitati tariffi doppji permezz ta' strumenti differenti tal-ipprezzar tal-karbonju. Filwaqt li l-miżura futura għandha tiżgura ċ-ċertezza legali u l-applikazzjoni koerenti tar-regoli differenti, jenħtieġ li din id-Direttiva tiċċara li l-Istati Membri ma humiex obbligati japplikaw is-sistema ta' varjazzjoni tas-CO₂ prevista f'din id-Direttiva lil hinn mid-data tal-applikazzjoni ta strument ieħor tal-ipprezzar tal-karbonju applikabbli għat-trasport bit-triq li jista' jiġi adottat fil-livell tal-Unjoni, pereżempju abbażi tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 u r-Regolament (UE) 2015/757 [COM(2021) 551 final]. Fil-każ fejn sadanittant jiġi adottat strument ieħor għall-ipprezzar tal-karbonju applikabbli għat-trasport bit-triq, jenħtieġ li l-livell tat-tariffi għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet tas-CO₂ ikun limitat għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu internalizzati dawk l-ispejjeż esterni u jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li taġġusta, permezz ta' att delegat, il-valuri ta' referenza mogħtija fl-Anness IIIc.

- (28) Biex jgħinu fis-salvagwardja tal-wirt awtomobilistiku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jqiegħdu l-vetturi ta' interess storiku f'kategorija speċjali għall-finijiet tal-aġġustament tad-diversi tariffi li jridu jitħallsu skont din id-Direttiva.
- (29) Bħalissa, ir-Regolament (UE) 2019/1242 ma jiddefinix it-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal gruppi ta' vetturi tqal mhux koperti mill-Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (d), ta' dak ir-Regolament. Fid-dawl tal-Artikolu 15 tiegħu, huwa possibbli li dak ir-Regolament jiġi emendat fil-futur u li t-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet jiġu definiti għal tali gruppi ta' vetturi. Jekk tiġi adottata tali emenda, , il-varjazzjoni fit-tariffi għall-infrastruttura u għall-utent għal vetturi tqal skont il-klassijiet 2 u 3 tal-emissjonijiet ta' CO2 jenħtieġ li tapplika wkoll għal dawk il-gruppi ta' vetturi. Jekk tali emenda ma tiġix adottata, il-varjazzjoni għal dawk il-gruppi ta' vetturi jenħtieġ li ssir biss għall-klassijiet 1, 4 u 5 tal-emissjonijiet ta' CO2.
- (30) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra, fejn xieraq, li tipproponi emenda għad-Direttiva 1999/62/KE li tintroduċi l-klassijiet 2 u 3 tal-emissjonijiet ta' CO2 għall-vetturi tqal kollha skont il-prinċipji applikati għal vetturi tqal li bħalissa huma rregolati mir-Regolament (UE) 2019/1242 għall-emissjonijiet ta' CO2 tagħhom jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament jiġi estiż għal vetturi tqal oħrajn.

- (31) Jenħtieġ li din id-Direttiva tippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO2 permezz ta' titjib tekniku ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi bil-mutur tqal tal-merkanzija u t-trejlers tagħhom. Għaldaqstant, din id-Direttiva tipprevedi tnaqqis fit-tariffi għall-użu tat-triq għal vetturi bil-mutur tqal tal-merkanzija b'emissjonijiet baxxi ta' CO2. Għal konsistenza regolatorja sħiħa, ladarba jkunu disponibbli valuri ċċertifikati legalment għall-effett ta' trejlers u ta' semi-trejlers fuq l-emissjonijiet ta' CO2 ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi tqal tal-merkanzija, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fejn xieraq, tissottometti proposta leġiżlattiva biex temenda d-Direttiva 1999/62/KE sabiex tinkludi tali valuri ċċertifikati meta jiġi determinat it-tnaqqis tat-tariffi għall-użu tat-triq previsti f'din id-Direttiva.
- (32) Sabiex ikompli jiġi promoss it-tiġdid tal-flotta u biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq tal-vetturi użati għall-vetturi tqal, il-klassifikazzjoni ta' vetturi li jappartjenu għall-klassi 2 u 3 tal-emissjonijiet ta' CO2 jenħtieġ li tiġi vvalutata mill-ġdid kull sitt snin mill-ewwel reġistrazzjoni tagħhom. Sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-validità tat-tariffi għall-utent validi qabel id-data tar-riklassifikazzjoni ma tiġix affettwata.
- (33) Fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tar-riklassifikazzjoni fis-sistemi tat-tariffi għall-utent, l-għażla ta' mudell xieraq tiddependi fuq kunsiderazzjonijiet speċifiċi dwar il-konsegwenzi amministrattivi ta' dik ir-riklassifikazzjoni, u l-effetti tagħha fuq id-dħul. Għalhekk, id-deċiżjoni dwar kif tiġi implimentata r-riklassifikazzjoni fis-sistemi tat-tariffi għall-utent jenħtieġ li titħalla f'idejn l-Istati Membri (jew, fil-każ ta' sistemi komuni, f'idejn il-grupp ta' Stati Membri kkonċernati).

(34) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni koerenti tal-varjazzjoni tal-pedaġġ skont l-emissjonijiet ta' CO₂, huwa neċessarju li d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE¹ tiġi emendata sabiex din tkun tirrikjedi li, fejn disponibbli fuq iċ-Ċertifikat ta' Konformità tagħhom, l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ ta' vetturi tqal ikunu indikati fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tagħhom. Jekk ir-Regolament (UE) 2019/1242 jiġi emendat b'tali mod li jaffettwa l-kontabbiltà tal-emissjonijiet ta' CO₂ li jirriżultaw mill-użu ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jista' jkun xieraq li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li tissaħħaħ il-koerenza bejn din id-Direttiva u dawk l-emendi. Huwa importanti li jiġi żgurat li t-tagħmir abbord użat bħala parti minn servizz tal-pedaġġ ikun fih id-data relatata mal-emissjonijiet ta' CO₂ u l-klassi tal-emissjonijiet ta' CO₂ ta' vetturi tqal, u li din id-data tkun disponibbli għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, kif definit fid-Direttiva (UE) 2019/520

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

(35) Il-vetturi ħfief jiġġeneraw żewġ terzi tal-impatti ambjentali negattivi tat-trasport bit-triq fuq l-ambjent u fuq is-saħħa. Għaldaqstant huwa importanti li jiġi promoss l-użu tal-aktar vetturi ndaf u effiċjenti fl-użu tal-fjuwil permezz tad-differenzjazzjoni tat-tariffi għall-użu tat-triq skont l-emissjonijiet ta' CO₂ speċifiċi tagħhom u tal-emissjonijiet niġġiesa tagħhom determinati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151¹ u fir-rigward tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². Sabiex jitħeġġeġ l-użu tal-vetturi l-aktar nodfa u effiċjenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew japplikaw pedaġġi jew tariffi għall-utent mnaqqa ferm għal tali vetturi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iqisu t-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-vettura, li hija marbuta mal-konverżjoni tagħha għal fjuwils alternattivi. Filwaqt li jagħmlu dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jeskludu l-fjuwils prodotti minn materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (TIUA) li għalih tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju. Jenħtieġ li abbonament permanenti jew kwalunkwe mekkaniżmu ieħor approvat mill-operatur tas-sistema ta' pedaġġ għall-użu tat-triq jippermetti lill-utenti jibbenefikaw minn varjazzjoni fil-pedaġġi jew tariffi għall-utent li tikkorrispondi għat-titjib fil-prestazzjoni ambjentali tal-vettura, wara l-konverżjoni.

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

- (36) Sabiex ikunu jistgħu jippenalizzaw l-iżvilupp u l-użu ta' vetturi ħfief b'emissjonijiet zero minħabba il-piż addizzjonali marbut mat-teknoloġija mingħajr emissjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew japplikaw rati mnaqqsa jew eżenzjonijiet fir-rigward ta' tali vetturi.
- (37) Il-konġestjoni tat-toroq, li għaliha jikkontribwixxu l-vetturi bil-mutur kollha bi proporzjonijiet differenti, tirrappreżenta spiża ta' madwar 1 % tal-PDG. Parti sinifikanti ta' dik l-ispiża tista' tiġi attribwita lill-konġestjoni interurbana. Għalhekk jenħtieġ li tkun permessa tariffa speċifika marbuta mal-konġestjoni, bil-kondizzjoni li tiġi applikata kemm għall-kategoriji tal-vetturi tqal kif ukoll għal dawk ħfief. Fid-dawl tal-kontribut potenzjali tagħhom biex titnaqqas il-konġestjoni, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mezzi kollettivi ta' trasport, jiġifieri minibuses, xarabanks u kowċis minn din it-tariffa tal-konġestjoni. Sabiex tkun effikaċi u proporzjonata, jenħtieġ li t-tariffa tiġi kkalkulata abbażi tal-ispiża marġinali tal-konġestjoni u divrenzjata skont il-post, il-ħin u l-kategorija tal-vettura.
- (38) It-tariffi għall-użu tat-triq jistgħu jimmobilizzaw riżorsi li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport ta' kwalità għolja. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jirrapportaw b'mod adegwat dwar l-użu ta' tali dħul. B'mod partikolari, dan għandu jgħin biex jiġu identifikati lakuni possibbli ta' finanzjament, u biex titjieb l-aċċettazzjoni mill-pubbliku ta' tariffi għall-użu tat-toroq. Fl-interess tat-trasparenza, ikun xieraq li l-Istati Membri jiżvelaw lill-utenti tat-triq ċerta informazzjoni dwar il-pedaġġi u t-tariffi għall-utent imposti fit-territorju tagħhom, bħall-informazzjoni dwar l-użu ta' dħul iġġenerat bl-applikazzjoni tad-Direttiva 1999/62/KE, il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura, it-tariffi għall-ispejjeż esterni u d-dħul totali iġġenerat mit-tariffi tal-konġestjoni għal kull kategorija ta' vettura.

- (39) Jenħtieġ li t-tariffi għall-konġestjoni jirriflettu l-ispejjeż reali li timponi direttament kull vettura fuq l-utenti l-oħra tat-triq, u indirettament fuq is-soċjetà b'mod ġenerali, b'mod proporzjonat. Sabiex jiġi evitat li dawn ixekklu b'mod sproorzjonat il-moviment ħieles tal-persuni u l-merkanzija, jenħtieġ li jkunu limitati għal ammonti speċifiċi li jirriflettu l-ispiża soċjali marġinali tal-konġestjoni f'kundizzjonijiet fejn kważi tintlaħaq il-kapaċità, jiġifieri meta l-volumi tat-traffiku joqorbu l-livell ta' traffiku li jifilħu t-toroq. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li tariffa tal-konġestjoni ma tiġix applikata flimkien ma' tariffa għall-infrastruttura li tvarja skont il-ħin tal-ġurnata, it-tip ta' jum jew l-istaġun bil-għan li titnaqqas il-konġestjoni. Sabiex jiġi massimizzat l-effett pożittiv tat-tariffi għall-konġestjoni, jenħtieġ li d-dħul li jiġġeneraw jiġi allokat għal proġetti li jindirizzaw is-sorsi tal-konġestjoni.
- (40) B'kont meħud tal-fatt li l-kuntratti ta' konċessjoni eżistenti jistgħu jinkludu arranġamenti differenti minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva u sabiex tiġi żgurata l-vijabilità finanzjarja tagħhom, huwa xieraq li jkun meħtieġ li l-kuntratti ta' konċessjoni eżistenti jikkonformaw mar-rekwiżit ta' varjazzjoni tat-tariffa għall-infrastruttura ladarba dawn jiġu emendati b'mod sostanzjali.

(41) Iż-żidiet marġinali li jiżdiedu mat-tariffa għall-infrastruttura jistgħu jipprovdu wkoll kontribuzzjoni utli biex jiġu indirizzati l-problemi relatati ma' ħsara ambjentali jew konġestjoni sinifikanti li jirriżultaw mill-użu ta' ċerti toroq, mhux biss dawk f'żoni muntanjużi. Għalhekk, jenħtieġ li titneħħa r-restrizzjoni attwali li tillimita l-użu taż-żidiet marġinali għal żoni bħal dawn. Fil-każ ta' żewġ Stati Membri jew aktar li jimponu żidiet marġinali oġġla fl-istess kuritur, huwa neċessarju li jitqies li dawk iż-żidiet marġinali jista' jkollhom effetti negattivi fuq Stati Membri fl-istess kuritur. Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat li l-utenti jħallsu darbtejn, jenħtieġ li ż-żidiet marġinali jiġu esklużi f'sezzjonijiet tat-triq fejn tiġi applikata t-tariffa tal-konġestjoni. Għal dak il-għan, sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni periferiċi u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni li tirrifjuta jew li titlob emendi tal-pjanijiet, li jkunu tressqu mill-Istat Membru, biex tiġi applikata żieda marġinali mat-tariffa tal-infrastruttura imposta fuq sezzjonijiet speċifiċi tat-toroq li jkollhom konġestjoni regolari, jew li l-użu tagħhom mill-vetturi jikkawża ħsara ambjentali sinifikanti. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (42) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata atti ta' implimentazzjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-emissjonijiet ta' CO₂ ta' referenza għas-sottogruppi ta' vetturi tqal mhux koperti mill-Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (d), tar-Regolament (UE) 2019/1242. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirriproduċi d-data rilevanti għal dawn il-gruppi ta' vetturi ppubblikata fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Fid-dawl tan-natura limitata tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, mhuwiex neċessarju li jiġi previst kontroll minn kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri qabel l-adozzjoni tagħhom.
- (43) Fejn Stat Membru jintroduċi sistema ta' tariffi għat-toroq, il-kumpens li jingħata, jista', f'ċerti każijiet, jirriżulta f'diskriminazzjoni kontra l-utenti tat-toroq mhux residenti. Għalhekk jenħtieġ li l-possibbiltà li jingħata kumpens tkun limitata għal każijiet ta' pedaġġi u ma għandhiex tibqa' disponibbli fil-każ ta' tariffi għall-utent.
- (44) Sabiex jiġu sfruttati s-sinerġiji potenzjali bejn is-sistemi eżistenti tat-tariffi tat-toroq, u biex jitnaqqsu l-ispejjeż operatorji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun involuta bis-sħiħ fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li jkunu beħsiebhom jintroduċu skemi komuni ta' tariffi għat-toroq.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO₂ u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1).

- (45) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jiffinanzjaw il-kostruzzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni, u l-iżvilupp ta' installazzjonijiet għall-enerġija jew il-fjuwil għal vetturi b'emissjonijiet baxxi jew zero, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-elettrifikazzjoni tat-toroq. B'mod partikolari, fejn Stat Membru jkollu l-ħsieb li jiffinanzja dawn l-installazzjonijiet elettriċi indipendentement mill-finanzjament tal-infrastruttura tat-toroq, jenħtieġ li din id-Direttiva ma timpedixx lil dak l-Istat Membru milli jimponi tariffi għall-użu ta' tali installazzjonijiet.
- (46) Peress li l-oġġettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiżgura li tariffi nazzjonali ta' vetturi għall-użu ta' ċerta infrastruttura jiġu applikati f'qafas koerenti li jiżgura trattament ugwali fl-Unjoni kollha, ma jistax jintlaħaq b'mod tajjeb biżżejjed mill-Istati Membri iżda minħabba n-natura transfruntiera tat-trasport bit-triq u minħabba l-problemi li din id-Direttiva maħsuba tindirizza, jista' jiġi ttrattat b'mod aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv.
- (47) Huwa neċessarju li t-tariffi għall-ispejjeż esterni jkomplu jirriflettu l-ispiża tat-tniġġis tal-arja, l-istorbju u t-tibdil fil-klima ġġenerati mill-vetturi tqal bl-aktar mod preċiż possibbli mingħajr mal-iskema tat-tariffi ssir kumplessa żżejjed, sabiex jiġi promoss l-użu tal-vetturi l-aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, li l-inċentivi jibqgħu effettivi u li d-differenzjazzjoni tat-tariffi għall-użu tat-triq jinżamm aġġornat.

- (48) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) sabiex tadatta il-valuri ta' referenza għat-tariffi għall-ispejjeż esterni stabbiliti fl-Annessi IIIb u IIIc tad-Direttiva 1999/62/KE għall-progress xjentifiku u tekniku. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u b'mod sistematiku l-esperti tagħhom ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tnejn tal-atti delegati.
- (49) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 20019/520 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Artikolu 1
Emendi għad-Direttiva 1999/62/KE

Id-Direttiva 1999/62/KE hi emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej

"Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq";

(2) L-Artikoli 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tapplika għal:

- (a) taxxi fuq vetturi imposti fuq vetturi tqal tal-merkanzija;
- (b) pedaġġi u tariffi għall-utent imposti fuq vetturi.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal vetturi użati esklużivament fit-territorji mhux Ewropej tal-Istati Membri.

3. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal vetturi rreġistrati fil-Gżejjer Kanarji, f'Ceuta u Melilla, fl-Azores jew f'Madeira li jwettqu operazzjonijiet tat-trasport esklużivament f'dawk it-territorji jew bejn dawk it-territorji u, rispettivament, il-partijiet kontinentali ta' Spanja u tal-Portugall.

Artikolu 2

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

- (1) “network trans-Ewropew tat-trasport” tfisser l-infrastruttura tat-trasport bit-triq imsemmija fil-Kapitolu II, Taqsima 3, tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* kif jidher fil-mapep fl-Anness I ta' dak ir-Regolament;
- (2) “network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni” tfisser l-infrastruttura tat-trasport identifikata f'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;
- (3) “spejjeż tal-kostruzzjoni” tfisser l-ispejjeż marbuta mal-kostruzzjoni, inkluż, fejn xieraq, l-ispejjeż tal-finanzjament ta' wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (a) infrastruttura ġdida jew titjib tal-infrastruttura ġdida, inkluż tiswijiet strutturali sinifikanti;

- (b) infrastruttura jew titjib infrastrutturali, inkluż tiswijiet strutturali sinifikanti, li tlestew mhux aktar minn 30 sena qabel l-10 ta' Ġunju 2008, fejn arranġamenti ta' pedaġġ kienu diġà eżistenti fl-10 ta' Ġunju 2008, jew tlestew mhux aktar tard minn 30 sena qabel l-istabbiliment ta' kwalunkwe arranġament ġdid ta' pedaġġ għall-użu introdott wara l-10 ta' Ġunju 2008; jew
- (c) infrastruttura jew titjib infrastrutturali li tlestew qabel il-limiti ta' żmien imsemmija fil-punt (b), fejn:
 - (i) Stat Membru jkun stabbilixxa sistema ta' pedaġġi li tipprevedi l-irkupru ta' dawn l-ispejjeż permezz ta' kuntratt ma' operatur tas-sistema ta' pedaġġi, jew atti legali oħra li għandhom effett ekwivalenti, li daħlu fis-seħħ qabel l-10 ta' Ġunju 2008, jew
 - (ii) Stat Membru jista' juri li l-każ għall-bini tal-infrastruttura inkwistjoni kien jiddependi fuq li din ikollha ħaġġa proġettata ta' aktar minn 30 sena;
- (4) "spejjeż ta' finanzjament" tfisser imgħax fuq self u ritorn fuq kwalunkwe finanzjament mill-bejgħ ta' ishma kkontribwit mill-azzjonisti;
- (5) "tiswijiet strutturali sinifikanti" tfisser tiswijiet strutturali minbarra dawk it-tiswijiet li mhumiex aktar ta' benefiċċju għall-utenti tat-toroq, b'mod partikolari fejn ix-xogħol tat-tiswija ġie sostitwit b'aktar kisi mill-ġdid tat-toroq jew xogħol ieħor ta' kostruzzjoni;

- (6) "awtostrada" tfisser triq iddisinjata u mibnija apposta għat-traffiku ta' vetturi bil-mutur, li ma twassalx għal proprjetajiet li jmissu magħha, u li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:
- (a) hija pprovduta, għajr f'punti speċjali jew b'mod temporanju, b'karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin jew bi strippa diviżorja mhux intenzjonata għat-traffiku jew, b'mod eċċezzjonali, b'mezzi oħra;
 - (b) ma taqşam fl-istess livell ma' ebda triq, linja tal-ferrovija jew tat-tramm, passaġġ għar-roti jew passaġġ għall-mixi; u
 - (c) hija ddeżinjata speċifikament bħala awtostrada;
- (7) "pedaġġ" tfisser ammont speċifiku li jitħallas fir-rigward ta' vettura bbażat fuq id-distanza ta' vjaġġ fuq infrastruttura partikolari u fuq it-tip ta' vettura, li l-ħlas tiegħu jikkonferixxi d-dritt biex dik il-vettura tuża l-infrastrutturi, u li tikkonsisti f'waħda jew aktar mit-tariffi li ġejjin:
- (a) tariffa għall-infrastruttura;
 - (b) tariffa għall-konġestjoni; jew
 - (c) tariffa għall-ispejjeż esterni;

- (8) “tariffa għall-infrastruttura” tfisser tariffa imposta bl-iskop li jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-kostruzzjoni, il-manutenzjoni, l-operat u l-iżvilupp relatati mal-infrastruttura mġarrba fi Stat Membru;
- (9) "tariffa għall-ispejjeż esterni" tfisser tariffa imposta bl-iskop li jiġu rkuprati l-ispejjeż relatati ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:
 - (a) it-tniġġis tal-arja mit-traffiku;
 - (b) it-tniġġis tal-istorbju mit-traffiku; jew
 - (c) emissjonijiet ta' CO2 mit-traffiku;
- (10) "spiża tat-tniġġis tal-arja mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-ħsara għas-saħħa tal-bniedem u tal-ħsara għall-ambjent ikkawżata mir-rilaxx ta' materjal partikulat u ta' prekursori tal-ożonu, bħan-NOx u komposti organiċi volatili, matul it-tħaddim ta' vettura;
- (11) “spiża tat-tniġġis tal-istorbju mit-traffiku” tfisser l-ispiża tal-ħsara għas-saħħa tal-bniedem u tal-ħsara għall-ambjent ikkawżata mill-istorbju ġġenerat mill-vetturi jew mill-interazzjoni tagħhom mal-wieċ tat-triq;
- (12) "spiża tal-emissjonijiet ta' CO2 mit-traffiku" tfisser l-ispiża tal-ħsara kkawżata mir-rilaxx ta' CO2 matul it-tħaddim ta' vettura;

- (13) "konġestjoni" tfisser sitwazzjoni fejn il-volumi tat-traffiku joqorbu lejn jew jeċċedu l-kapaċità li jifilħu t-toroq;
- (14) "tariffa tal-konġestjoni" tfisser tariffa li tiġi imposta fuq il-vetturi għall-fini li jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-konġestjoni mġarrba fi Stat Membru u biex titnaqqas il-konġestjoni;
- (15) "tariffa medja ppeżata għall-ispejjeż esterni" tfisser id-dħul totali minn tariffa għall-ispejjeż esterni fuq perijodu ta' żmien speċifiku diviż bin-numru ta' kilometri li l-vetturi tqal ivvjaġġaw fuq is-sezzjonijiet tat-toroq soġġetti għal dik it-tariffa matul dak il-perijodu;
- (16) "tariffa għall-utent" tfisser ammont speċifiku li l-ħlas tiegħu jagħti d-dritt lil vettura li tuża għal perijodu speċifiku l-infrastrutturi msemmija fl-Artikolu 7(1) u (2);
- (17) "vettura" tfisser vettura bil-mutur, b'erba' roti jew aktar, jew kombinazzjoni ta' vetturi artikulata maħsuba jew użata għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' merkanzija fuq it-triq;
- (18) "vettura tqila" tfisser vettura b' massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' aktar minn 3,5 tunnelli;

- (19) "vettura tqila tal-merkanzija" tfisser vettura tqila maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija;
- (20) "kowċ" u "xarabank" ifissru vettura tqila maħsuba għall-ġarr ta' aktar minn tmien passiġġieri, minbarra s-sewwieq;
- (21) "vettura ħafifa" tfisser vettura b' massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' mhux aktar minn 3,5 tunnellati;
- (22) "karozza tal-passiġġieri" tfisser vettura ħafifa maħsuba għall-ġarr ta' mhux aktar minn tmien passiġġieri, minbarra s-sewwieq;
- (23) "vettura ta' interess storiku" tfisser vettura ta' interess storiku kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 7, tad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;
- (24) "minibus" tfisser vettura ħafifa maħsuba għall-ġarr ta' mhux aktar minn tmien passiġġieri, minbarra s-sewwieq;
- (25) "karavann bil-mutur" tfisser vettura bi spazju għall-għajxien, li fiha siġġijiet u mejda, akkomodazzjoni għall-irqad separata jew ikkonvertita mis-siġġijiet, faċilitajiet tat-tisjir u faċilitajiet tal-ħżin;

- (26) "vettura kummerċjali ħafifa" tfisser vettura ħafifa maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija
- (27) "vann" tfisser vettura ħafifa skont it-tifsira tal- Parti C, il-punt 4.2, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***;
- (28) "emissjonijiet ta' CO2" ta' vettura tqila tfisser l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO2 tagħha previsti fil-punt 2.3 tal-Fajl ta' Informazzjoni għall-Klijent kif definit fil-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400****;
- (29) "vettura b'emissjonijiet żero" tfisser:
- (a) “vettura tqila b’emissjonijiet żero” kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 11, tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****; jew
 - (b) kwalunkwe karozza tal-passiġġieri, minibus jew vettura kummerċjali ħafifa mingħajr magna tal-kombustjoni interna;
- (30) "vettura tqila b'emissjonijiet baxxi" tfisser :
- (a) “vettura tqila b'emissjonijiet baxxi" kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 12 tar-Regolament (UE) 2019/1242; jew

- (b) vettura tqila mhux koperta mill-Artikolu 2(1), punti (a)-(d) ta' dak ir-Regolament b'emissjonijiet ta' CO₂ inqas minn 50 % tal-emissjonijiet ta' CO₂ ta' referenza tal-grupp ta' vetturi tagħha, għajr vettura b'emissjonijiet żero;
- (31) "operatur tat-trasport" tfisser kull impriża li tittrasporta l-merkanzija jew il-passiġġieri bit-triq;
- (32) "vettura tal-klassijiet tal-emissjonijiet 'Euro 0', 'Euro I', 'Euro II', 'Euro III', 'Euro IV', 'Euro V', 'EEV', 'Euro VI' tfisser vettura tqila li tikkonforma mal-limiti tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness 0;
- (33) "tip ta' vettura tqila" tfisser kategorija li taqa' taħtha vettura tqila skont in-numru ta' fusien tagħha, il-qisien jew il-piż tagħha, jew fatturi oħra ta' klassifikazzjoni ta' vetturi li jirriflettu l-ħsara fit-triq, bħas-sistema ta' klassifikazzjoni tal-ħsara fit-triq stipulata fl-Anness IV, kemm-il darba s-sistema ta' klassifikazzjoni użata tkun bbażata fuq karatteristiċi tal-vettura li jidhru fid-dokumentazzjoni tal-vettura użata fl-Istati Membri kollha jew li jkunu jidhru b'mod viżwali;
- (34) "sottogrupp ta' vetturi" tfisser "sottogrupp ta' vetturi" kif definit fl-Artikolu 3, punt 8 tar-Regolament (UE) 2019/1242;
- (35) "grupp ta' vetturi" tfisser grupp ta' vetturi elenkat fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/2400;

- (36) "perijodu ta' rappurtar tas-sena Y" tfisser "perijodu ta' rappurtar tas-sena Y" kif definit fl-Artikolu 3, punt (3) tar-Regolament (UE) 2019/1242;
- (37) "trajettorja tat-tnaqqis ta' emissjonijiet" għall-perijodu ta' rappurtar ta' sena (Y) u s-sottogrupp ta' vettura (sg), jiġifieri $ET_{Y,sg}$, tfisser il-prodott tal-fattur ($R-ET_Y$) ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' CO₂ annwali mmultiplikat bl-emissjonijiet ta' CO₂ ta' referenza (rCO_{2sg}) tas-sottogrupp (sg), jiġifieri $ET_{Y,sg} = R-ET_Y \times rCO_{2sg}$ għas-snin $Y > 2030$, $R-ET_Y$ u rCO_{2sg} huma t-tnejn iddeterminati f'konformità mal-punt 5.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242. għas-snin $Y > 2030$, $R-ET_Y$ huwa 0,70 rCO_{2sg} japplika kif aġġustat minn atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament 2019/1242 għall-perijodi ta' rappurtar li jibdew wara d-dati rispettivi ta' applikazzjoni ta' dawk l-atti delegati;
- (38) "l-emissjonijiet ta' referenza ta' CO₂ ta' grupp ta' vetturi" tfisser:
- (a) għal vetturi koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242, l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-formola fil-punt 3 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament;

- (b) għal vetturi mhux koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242, il-valur medju tal-emissjonijiet ta' CO₂ kollha ta' vetturi f'dak il-grupp ta' vetturi, irrappurtat f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***** għall-ewwel perijodu ta' rappurtar, li ser jibda wara d-data li fiha r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi f'dak il-grupp ta' vetturi, li ma jikkonformawx mal-obbligi msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400, hu pprojbit f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2017/2400;
- (39) "kuntratt ta' konċessjoni" tfisser “konċessjoni ta' xogħlijiet” jew “konċessjoni ta' servizz” kif definit fl-Artikolu 5, il-punt 1, (a) jew (b), tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****;
- (40) "pedaġġ ta' konċessjoni" tfisser pedaġġ impost minn konċessjonarju taħt kuntratt ta' konċessjoni;
- (41) "arranġament ta' pedaġġi jew ta' tariffi emendat b'mod sostanzjali" tfisser arranġament ta' pedaġġ jew ta' tariffi, fejn l-emenda tar-rati hija mistennija żżid id-dħul b'aktar minn 10 % meta mqabbel mas-sena ta' kontabbiltà preċedenti, eskluż l-effett taż-żieda fit-traffiku u wara li ssir korrezzjoni għall-inflazzjoni mkejla b'bidliet fl-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur madwar l-UE kollha (HICP), u eskluż l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, punt 2:
- (a) fi kwalunkwe każ, il-proporzjon tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni li għandhom jitqiesu ma għandux jaqbeż il-proporzjon tal-perijodu tal-ħajja attwali tad-disinn tal-komponenti tal-infrastruttura li kien għad fadal jiskorri fl-10 ta' Ġunju 2008 jew fid-data meta jiddaħħlu l-arranġamenti l-ġodda ta' pedaġġ, jekk din tkun data aktar tard;
 - (b) spejjeż tal-infrastruttura jew titjib tal-infrastruttura jistgħu jinkludu kwalunkwe nefqa speċifika fuq l-infrastruttura li tkun iddisinjata biex tnaqqas id-disturbi marbuta mal-istorbju, biex jiġu introdotti teknoloġiji innovattivi jew biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u l-ħlasijiet reali li jsiru mill-operatur tal-infrastruttura li jikkorrispondu ma' elementi ambjentali oġġettivi bħalma huma l-protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni tal-ħamrija.
3. Mingħajr preġudizzju tal-Artikolu 7da (3), l-Istati Membri jistgħu jittrattaw karavan bil-mutur jew bħala kowċ jew xarabank, jew bħala karozza tal-passiġġieri.

* Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1.)

** Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

- *** Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).
- **** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1).
- ***** Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE, (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).
- ***** Ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO₂ u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1).
- ***** Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1;

(3) L-Artikolu 7 u 7a huma sostitwiti b'dan li ġej:

'Artikolu 7

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 (1a), l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu pedaġġi jew tariffi għall-utent fuq in-network trans-Ewropew tat-toroq jew fuq ċerti sezzjonijiet ta' dak in-network, u fuq kwalunkwe parti oħra addizzjonali tan-network tal-awtostradi tagħhom li mhux parti min-network trans-Ewropew tat-toroq taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 sa 8a ta' dan l-Artikolu u fl-Artikoli 7a sa 7k.
2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri, f'konformità mat-TFUE, li japplikaw pedaġġi u tariffi għall-utent fuq toroq oħra, dment li l-impożizzjoni ta' pedaġġi u tariffi għall-utent fuq toroq oħra bħal dawn ma tiddiskriminax kontra t-traffiku internazzjonali u ma tirriżultax f'distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi. Pedaġġi u tariffi għall-utent applikati għal toroq minbarra toroq tan-network trans-Ewropew u minbarra l-awtostradi għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, fl-Artikolu 7a u fl-Artikolu 7j(1), (2) u (4).

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva, il-pedaġġi u t-tariffi għall-utent għal kategoriji differenti ta' vetturi, pereżempju vetturi tqal, vetturi tqal tal-merkanzija, kowċis u xarabanks, vetturi ħfief, vetturi kummerċjali ħfief, minibuses u karozzi tal-passiġġieri jistgħu jiġu introdotti jew miżmuma indipendentement minn xulxin. Madankollu, meta l-Istati Membri jimponu tariffi fuq karozzi tal-passiġġieri, għandhom ukoll jimponu tariffi fuq vetturi kummerċjali ħfief.
4. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu pedaġġi u tariffi għall-utent simultanjament fuq kwalunkwe kategorija speċifika ta' vetturi għall-użu ta' parti unika ta' triq. Madankollu, Stat Membru li jimponi tariffa tal-utent fuq in-network tiegħu jista' jimponi wkoll pedaġġi għall-użu ta' pontijiet, mini u passaġġi fuq muntanji.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-Artikolu 7ca(3), l-Artikolu 7ga(1) u l-Artikolu 7gb(2) għal tali pedaġġi għall-użu ta' pontijiet, mini u passaġġi fuq muntanji fejn tkun issodisfata waħda jew iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-applikazzjoni tal-Artikolu 7ca(3), l-Artikolu 7ga(1) u l-Artikolu 7gb(2) ma tkunx teknikament prattikabbli għall-introduzzjoni ta' tali differenzjazzjoni fis-sistema kkonċernata ta' pedaġġ;
- (b) l-applikazzjoni tal-Artikolu 7ca(3), l-Artikolu 7ga(1) u l-Artikolu 7gb(2) twassal għad-devjazzjoni tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, b'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq u s-saħħa pubblika.

Stat Membru li jiddeċiedi li ma japplikax l-Artikolu 7ca(3), l-Artikolu 7ga(1) u l-Artikolu 7gb(2) skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu.

5. Il-pedaġġi u t-tariffi għall-utent ma għandhomx jiddiskriminaw, direttament jew indirettament, fuq il-bażi ;
 - (a) tan-nazzjonalità tal-utent tat-triq;
 - (b) tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz fejn l-operatur tat-trasport ikun stabbilit;
 - (c) tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz fejn il-vettura tkun irreġistrata,; jew
 - (d) l-oriġini jew id-destinazzjoni tal-operazzjoni ta' trasport.

6. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu pedaġġi jew tariffi għall-utent imnaqqsa fuq ċerti sezzjonijiet ta' toroq, jew jeskludu għal kollox ċerti sezzjonijiet ta' toroq minn tariffi għall-użu tat-triq, b'mod partikolari fejn l-intensità tat-traffiku tkun baxxa f'żoni b'popolazzjoni b'densità baxxa.

7. Fil-każ ta infrastrutturi ta' toroq koperti minn kuntratti ta konċessjoni, fejn il-kuntratt ġie ffirmat qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] jew l-offerti jew tweġibiet għal stedinet għal negozjar skont il-proċedura negozjata ġew irċevuti wara proċess ta' akkwist pubbliku qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx l-Artikolu 7ca(3), l-Artikolu 7g(1) u (2), l-Artikolu 7ga u l-Artikolu 7gb għal pedaqġi u tariffi għall-utent fuq dawk l-infrastrutturi, sal-mument li l-kuntratt ta' konċessjoni jiġġedded jew l-arranġament ta' pedaqġi jew tariffi jiġi emendat b'mod sostanzjali,
8. Il-paragrafu 7b japplika wkoll għal kuntratti ta' terminu twil, konklużi bejn entità pubblika u entità mhux pubblika, iffirmati qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew il-ġestjoni ta' servizzi għajr l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet li ma jinkludux it-trasferiment tar-riskju tad-domanda.
9. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu rati mnaqqsa ta' pedaqġi u tariffi għall-utent, jew eżenzjonijiet mill-obbligu li jitħallsu pedaqġi u tariffi għall-utent għal:
 - (a) vetturi tqal eżentati mir-rekwiżit li jistallaw u jużaw tagħmir ta' reġistrazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

- (b) vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli li taqbeż it-3,5 tonnelli u inqas minn 7,5 tonnelli użati għall-ġarr ta' materjali, tagħmir jew makkinarju għall-użu tas-sewwieq matul ix-xogħol tas-sewwieq, jew għall-kunsinna ta' merkanzija li tiġi prodotta fuq bażi artiġjanali, fejn it-trasport ma jsirx b'kiri jew b'kumpens;
 - (c) kwalunkwe vettura koperta mill-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2), punti (a) u (b) jew kwalunkwe vettura użata jew li tkun proprjetà ta' persuni b'diżabilità u
 - (d) vetturi b'emissjonijiet żero b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli sa 4,25t.
10. Minn [tmien snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri ma għandhomx japplikaw tariffi għall-utenti għal vetturi tqal fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni.
11. B'deroga mill-paragrafu 10, l-Istati Membri jistgħu japplikaw tariffi għall-utent għal vetturi tqal fuq sezzjonijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni iżda biss f'każijiet debitament ġustifikati fejn l-applikazzjoni ta' pedaġġ tkun:
- (a) tinvolvi spejjeż amministrattivi, ta' investiment u operatorji sproporzjonati meta mqabbla mad-dħul jew benefiċċji mistennija, li tali pedaġġ ikun jiġġenera, pereżempju minħabba t-tul limitat tas-sezzjonijiet tat-toroq ikkonċernati jew id-densità tal-popolazzjoni relattivament baxxa jew it-traffiku relattivament baxx; jew

- (b) twassal għad-devjazzjoni tat-traffiku b'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq jew fuq is-saħħa pubblika.

Qabel ma japplikaw dawk it-tariffi għall-utent, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jagħmlu dan. Dik in-notifika għandha tinkludi r-raġunijiet li jiġġustifikaw, fid-dawl tal-ewwel subparagrafu, l-applikazzjoni tat-tariffa għall-utent ibbażata fuq kriterji oġġettivi u informazzjoni ċara dwar il-vetturi u s-sezzjonijiet tat-toroq koperti mit-tariffa għall-utent.

L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw notifika waħda għal aktar sezzjonijiet tat-toroq koperti mill-eżenzjonijiet, dment li l-ġustifikazzjoni tkun inkluża għal kull sezzjoni.

12. Fejn l-Istati Membri japplikaw sistema komuni għal tariffi għall-utent skont l-Artikolu 8, dawk l-Istati Membri għandhom jadattaw jew iwaqqfu s-sistema komuni sa..... ...[10 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

13. Sa [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva emendatorja], fir-rigward ta' vetturi tqal tal-merkanzija, Stat Membru jista' jagħżel li japplika pedaġġi jew tariffi għall-utent fil-każ biss ta' vetturi tqal tal-merkanzija b' massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' mhux inqas minn 12-il tunnellata fejn iqis li l-impożizzjoni ta' pedaġġi jew tariffi għall-utent għall-vetturi tqal tal-merkanzija ta' inqas minn 12-il tunnellata tkun:
- (a) toħloq effetti negattivi sinifikanti fuq iċ-ċirkolazzjoni libera tat-traffiku, l-ambjent, il-livelli ta' storbu, il-konġestjoni, is-saħħa, jew is-sikurezza fit-toroq minħabba d-devjazzjoni tat-traffiku;
 - (b) tinvolvi spejjeż amministrattivi ta' aktar minn 15 % tad-dħul addizzjonali li jirriżultaw minn dik l-estensjoni; jew
 - (c) tikkonċerna kategorija ta' vetturi li ma tikkawżax aktar minn 10 % tal-ispejjeż infrastrutturali li jista' jintalab ħlas għalihom

L-Istati Membri li jagħżlu li japplikaw pedaġġi jew tariffi għall-utent jew it-tnejn li huma fil-każ biss ta' vetturi tqal tal-merkanzija b' massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' mhux inqas minn 12-il tunnellata għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-deċizzjoni tagħhom flimkien mar-raġunijiet li tkun ibbażata fuqhom.

14. Fejn jiġu applikati pedaġġi għall-vetturi tqal kollha, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirkupraw perċentwali differenti tal-ispejjeż mill-kowċis u x-xarabanks u karavans bil-mutur, minn naħa, u mill-vetturi tqal tal-merkanzija, min-naħa l-oħra.

15. Sa ...[data ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni u l-effettività ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' tariffi imposti fuq vetturi ħfief.

Dik il-valutazzjoni għandha tqis l-evoluzzjoni tas-sistemi tat-tariffi applikati għal vetturi ħfief f'termini tat-tip ta' imposti applikati għal diversi kategoriji ta' vetturi, il-firxa tan-network kopert, il-proporzjonalità tal-ipprezzar u elementi rilevanti oħra.

Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni, fejn ikun xieraq, għandha tissottometti proposta leġislattiva, biex temenda d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva.

-
- * Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

Artikolu 7a

1. It-tariffi għall-utent għandhom ikunu proporzjonati għat-tul tal-użu li jsir mill-infrastruttura.
2. Jekk it-tariffi għall-utent fir-rigward ta' vetturi tqal jiġu applikati, l-użu tal-infrastruttura għandu jkun disponibbli għal mill-inqas il-perijodi li ġejjin: ġurnata, ġimgħa, xahar u sena. Ir-rata għal xahar ma għandhiex taqbeż l-10 % tar-rata annwali, ir-rata għal ġimgħa ma għandhiex taqbeż il-5 % tar-rata annwali u r-rata għal ġurnata ma għandhiex taqbeż it-2 % tar-rata annwali.

Stat Membru jista' jiddeċiedi li għall-vetturi rreġistrati f'dak l-Istat Membru japplikaw biss ir-rati annwali.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu tariffi għall-utent, inkluż l-ispejjeż amministrattivi, għall-vetturi tqal kollha, f'livell li ma jaqbiżx ir-rati massimi stipulati fl-Anness II.

3. Jekk it-tariffi għall-utent fir-rigward ta' karozzi tal-passiġġieri jiġu applikati, l-użu tal-infrastruttura għandu jkun disponibbli għal mill-inqas il-perijodi li ġejjin: ġurnata, ġimgħa jew għaxart ijiem jew it-tnejn, xahar jew xahrejn jew it-tnejn, u sena. Ir-rata ta' xahrejn ma għandhiex taqbeż it-30 % tar-rata annwali, ir-rata ta' xahar ma għandhiex taqbeż id-19 % tar-rata annwali, ir-rata ta' għaxart ijiem ma għandhiex taqbeż it-12 % tar-rata annwali, ir-rata ta' ġimgħa ma għandhiex taqbeż il-11 % tar-rata annwali u r-rata ta' ġurnata ma għandhiex taqbeż id-9 % tar-rata annwali.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw it-tariffa għall-utent ta' ġurnata għal skopijiet ta' tranżitu biss.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu l-użu tal-infrastruttura disponibbli għal perijodi oħra ta' żmien. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom japplikaw rati skont il-prinċipju tat-treatment ugwali bejn l-utenti, filwaqt li jqisu l-fatturi rilevanti kollha, b'mod partikolari r-rata annwali u r-rati applikati għall-perijodi l-oħra msemmija fl-ewwel subparagrafu, ix-xejriet eżistenti tal-użu u l-ispejjeż amministrattivi.

Fir-rigward ta' skemi tat-tariffi għall-utent adottati qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], l-Istati Membri jistgħu jżommu rati ogħla mil-limiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, dment li dawn ikunu fis-seħħ qabel dik id-data, u jistgħu jżommu rati ogħla korrispondenti għal perijodi oħra ta' użu, f'konformità mal-prinċipju tat-treatment ugwali. Madankollu, għandhom jikkonformaw mal-limiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu kif ukoll mat-tieni subparagrafu malli l-arranġamenti ta' tariffi emendati b'mod sostanzjali jidħlu fis-seħħ, u mhux aktar tard minn [tmien snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

4. Għall-minibuses u vetturi kummerċjali ħfief, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw jew mal-paragrafu 2 jew mal-paragrafu 3. Fejn l-Istati Membri jistabbilixxu tariffi differenti għall-utenti għal vetturi kummerċjali ħfief milli għall-karozzi tal-passiġġieri, huma għandhom jistabbilixxu rati ogħla ta' tariffi għall-utenti għal vetturi kummerċjali ħfief milli għall-karozzi tal-passiġġieri.

5. Sa ... [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà teknika u legali tad-differenzjar tat-trattament ta' vetturi kummerċjali ħfief differenti abbażi ta' jekk il-vettura kummerċjali ħafifa kkonċernata hijiex mgħammra b'takografu jew le. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni, fejn ikun xieraq, għandha tissottometti proposta leġislattiva biex temenda din id-Direttiva skont dan.'.

(4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

'Artikolu 7aa

1. L-Istati Membri li kienu japplikaw pedaġġi fuq in-network ta' trasport trans-Ewropew ewlieni tagħhom jew parti minnu, qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], jistgħu jistabbilixxu sistema tat-tariffi kombinata għall-vetturi tqal kollha jew għal xi tipi ta' vetturi tqal.
2. F'dik is-sistema tat-tariffi kombinata, l-Istati Membri jistgħu, minkejja l-Artikolu 7(10), japplikaw tariffi għall-utent għall-vetturi tqal kollha jew għal xi tipi ta' vetturi tqal inkluż għal xi kategoriji ta' piż ta' vetturi tqal fuq in-network ta' trasport trans-Ewropew ewlieni jew partijiet minnu, skont l-Artikolu 7(4).

3. It-tariffi għall-utent imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu varjati f'konformità mal-Artikolu 7 ga u skont il-klassi tal-emissjonijiet Euro. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu t-tariffi għall-utent, inkluż l-ispejjeż amministrattivi, għall-vetturi tqal ikkonċernati, f'livell mhux ogħla mir-rati massimi stipulati fl-Anness II.
 4. L-Istati Membri li jistabbilixxu l-iskema tat-tariffi kombinata għandhom iwettqu valutazzjoni jew analiżi tal-impatt li tispjega u tiġġustifika l-introduzzjoni tagħha li għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni mill-inqas sitt xhur qabel l-introduzzjoni tagħha.
- (5) L-Artikoli 7b u 7c huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 7b

1. It-tariffa għall-infrastruttura għall-vetturi tqal għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż tal-infrastruttura. It-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura għall-vetturi tqal għandha tkun relatata mal-ispejjeż tal-kostruzzjoni u l-ispejjeż operatorji, tal-manutenzjoni u tal-iżvilupp tan-network tal-infrastruttura kkonċernata. It-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura tista' tinkludi wkoll dħul fuq il-kapital u/jew marġni ta' profitt ibbażat fuq il-kondizzjonijiet tas-suq.

2. L-ispejjeż meqjusa għandhom ikunu relatati man-network jew il-parti tan-network li fuqha jiġu imposti t-tariffi għall-infrastruttura għall-vetturi tqal u mal-vetturi li jkunu soġġetti għal dawk it-tariffi. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirkupraw biss perċentwal minn dawk l-ispejjeż.

Artikolu 7c

1. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu tariffa għall-ispejjeż esterni, marbuta mal-ispiża tat-tniġġis tal-arja mit-traffiku, it-tniġġis mill-istorbju, l-emissjonijiet ta' CO₂ jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom.

Meta tiġi applikata tariffa għall-ispejjeż esterni għal vetturi tqal, l-Istati Membri għandhom ivarjawha u jistabbiluha f'konformità mar-rekwiżiti minimi u l-metodi msemmija fl-Anness IIIa u għandhom jirrispettaw il-valuri ta' referenza stipulati fl-Anness IIIb u IIIc. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirkupraw biss perċentwal minn dawk l-ispejjeż.

2. L-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat. Jekk Stat Membru jaħtar awtorità għal dan l-iskop, l-awtorità għandha tkun legalment u finanzjarjament indipendenti mill-organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni jew il-ġbir tat-tariffa kollha jew ta' parti minnha.
3. L-Istati Membri jistgħu japplikaw eżenzjonijiet li jippermettu li t-tariffi għall-ispejjeż esterni jiġu aġġustati għall-vetturi ta' interess storiku;

(6) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

'Artikolu 7ca

1. Meta tiġi imposta tariffa għall-ispejjeż esterni għat-tniġġis tal-arja jew mill-istorbju, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ispejjeż relatati man-network jew mal-parti tan-network li fuqha tiġi imposta dik it-tariffa u l-vetturi li huma soġġetti għal dik it-tariffa.
2. It-tariffa għall-ispejjeż esterni marbuta mat-tniġġis tal-arja mit-traffiku ma għandhiex tapplika għal vetturi tqal li jikkonformaw mal-aktar standards stretti tal-emissjonijiet Euro.

L-ewwel subparagrafu ma għandux jibqa' japplika erba' snin wara d-data meta r-regoli li introduċew dawk l-istandards bdew japplikaw.

3. Minn [erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], l-Istati Membri għandhom japplikaw tariffa għall-ispejjeż esterni għat-tniġġis tal-arja mit-traffiku, lill-vetturi tqal fuq in-network b'pedaġġ imsemmi fl-Artikolu 7(1).

B' deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx tariffa għall-ispejjeż esterni fuq dawk it-taqsimiet tat-triq fejn dan ikun iwassal għal devjazzjoni tal-vetturi li jniġġsu l-aktar u li jirriżulta f'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq u s-saħħa pubblika.

4. L-Istati Membri jistgħu jivvalutaw il-possibbiltà li japplikaw tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' s-CO₂ u għat-tniġġis tal-arja u/jew skontijiet relatati ma' dawk l-emissjonijiet, fejn il-pedaġġi ta' konċessjoni ma jkunux varjati f'konformità mal-Artikoli 7g u 7ga, għal vetturi tqal, u f'konformità mal-Artikolu 7gb għal vetturi ħfief.

Ir-riżultat ta' dik il-valutazzjoni fakultattiva, inkluż ġustifikazzjoni tar-raġuni għaliex it-tariffa għall-ispejjeż esterni jew skont ma tiġix applikata għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni.

Artikolu 7cb

1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw tariffi għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂ li jkunu oġġla mill-valuri ta' referenza stipulati fl-Anness IIIc, sakemm dan isir b'mod mhux diskriminatorju, u limitat għal mhux aktar mid-doppju tal-valuri stipulati fl-Anness IIIc. Fejn l-Istati Membri japplikaw dan il-paragrafu huma għandhom jiġġustifikaw id-deċiżjoni tagħhom u jagħtu notifika dwarha lill-Kummissjoni, skont l-Anness IIIa.
2. Għax-xarabanks u l-kowċis, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw l-istess valuri jew valuri aktar baxxi minn dawk applikati għall-vetturi tqal tal-merkanzija.
3. Tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂ tista' tiġi kkombinata ma' tariffa għall-infrastruttura li tkun ġiet varjata f'konformità mal-Artikolu 7ga.

4. Sa ... [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni u l-effettività tat-tariffi għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂, kif ukoll il-koerenza tagħha mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE**. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni, fejn xieraq, għandha tissottometti proposta legiſlattiva biex temenda dan l-Artikolu. F'każ li dan l-Artikolu ma jiġix emendat kif xieraq sal-1 ta' Jannar 2027 iżda d-Direttiva 2003/87/KE jew id-Direttiva 2003/96/KE tkun ġiet emendata b'mod li jirriżulta fl-internalizzazzjoni effettiva ta' mill-inqas parti mill-ispejjeż esterni tal-emissjonijiet ta' CO₂ mit-trasport bit-triq, il-Kummissjoni għandha tadotta, atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9d ta' din id-Direttiva, li jemendaw l-Anness IIIc ta' din id-Direttiva biex il-valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂ jiġu aġġustati, filwaqt li tqis il-prezz effettiv tal-karbonju applikat għall-fjuwils tat-trasport bit-triq fl-Unjoni.

* Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

** Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51)';

(7) L-Artikolu 7d huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7d

Sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-adozzjoni ta' standards ġodda u aktar stretti tal-emissjonijiet Euro, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva sabiex tiddetermina l-valuri ta' referenza korrispondenti fl-Anness IIIb u taġġusta r-rati massimi tat-tariffi għall-utent fl-Anness II.";

(8) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 7da

1. F'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu tariffa tal-konġestjoni fuq kwalunkwe sezzjoni tan-network tat-toroq tagħhom li tkun affettwata mill-konġestjoni. It-tariffa tal-konġestjoni tista' tiġi applikata biss fuq dawk is-sezzjonijiet tat-toroq li jkollhom konġestjoni regolari u matul dawk il-perijodi biss fejn tipikament ikollhom konġestjoni.
2. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-sezzjonijiet tat-toroq u l-perijodi ta' ħin imsemmija fil-paragrafu 1 abbażi ta' kriterji oġġettivi marbuta mal-livell li t-toroq u l-viċinanzi tagħhom huma affettwati mill-konġestjoni, li jitkejjel inter alia f' termini tal-medja tad-dewmien jew tat-tul tas-serbut ta' vetturi.

3. Tariffa tal-konġestjoni imposta fuq kwalunkwe sezzjoni tan-network tat-toroq għandha tapplika b'mod mhux diskriminatorju għall-kategoriji kollha ta' vetturi, f'konformità mal-fatturi ta' ekwivalenza standard mogħtija fl-Anness V. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw, b'mod parzjali jew kompletament, il-minibuses, ix-xarabanks u l-kowċis mit-tariffa tal-konġestjoni għall-promozzjoni tat-trasport kollettiv u tal-iżvilupp soċjoekonomiku u l-koeżjoni territorjali. Il-karavans bil-mutur, irrispettivament mill-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tagħhom, ma għandhomx jiġu ttrattati bħala kowċis u xarabanks għall-fini ta' dan il-paragrafu.
4. It-tariffa tal-konġestjoni għandha tiġi stabbilita f'konformità mar-rekwiżiti minimi msemmija fl-Anness V. Hija għandha tirrifletti l-ispejjeż imposti minn vettura fuq l-utenti l-oħra tat-triq, u indirettament fuq is-soċjetà, u għandha tirrispetta l-valuri ta' referenza mogħtija fl-Anness VI għal kull tip speċifiku ta' triq. Fejn Stat Membru jkollu l-intenzjoni japplika tariffi tal-konġestjoni oġġla mill-valuri ta' referenza mogħtija fl-Anness VI, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni f'konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-Anness V.

Id-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-konġestjoni, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, għandu jintuża biex tiġi indirizzata l-problema tal-konġestjoni, jew biex jiġu żviluppati trasport u mobbiltà sostenibbli b'mod ġenerali.

Fejn tali dħul jiġi allokati għall-baġit ġenerali, għandu jitqies li Stat Membru jkun applika it-tieni subparagrafu , jekk huwa jimplimenta politiki ta' appoġġ finanzjarju biex jindirizza l-problema tal-konġestjoni jew biex jiżviluppa trasport u mobbiltà sostenibbli li jkollhom valur ekwivalenti għad-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-konġestjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-monitoraġġ tal-impatt tat-tariffi tal-konġestjoni u għar-rieżami tal-livell ta' tagħhom. Kull Stat Membru għandu iwettaq rieżami tal-livell ta' tariffi b' mod regolari, tal-anqas kull tliet snin, biex jiżguraw li ma jaqzux l-ispejjeż tal-konġestjoni li tokkorri f' dak l-Istat Membru f' dawk is-sezzjonijiet tat-toroq soġġetti għal tariffa tal-konġestjoni.";

(9) fl-Artikolu 7e, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "1. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-livell massimu tat-tariffa għall-infrastruttura għall-vetturi tqal billi jużaw metodoloġija bbażata fuq il-prinċipji ewlenin tal-kalkolu stipulati fl-Artikolu 7b u l-Anness III.

2. Għall-pedaġġi ta' konċessjoni, il-livell massimu tat-tariffa għall-infrastruttura għall-vetturi tqal għandu jkun ekwivalenti għal, jew inqas mil-livell li kien jirriżulta mill-użu ta' metodoloġija bbażata fuq il-prinċipji ewlenin tal-kalkolu stipulati fl-Artikolu 7b u l-Anness III. Il-valutazzjoni ta' ekwivalenza ta' dan it-tip għandha ssir fuq il-bażi ta' perijodu ta' referenza raġonevolment twil adatt għan-natura tal-kuntratt tal-konċessjoni.";

(10) L-Artikoli 7f u 7g huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 7f

1. Wara li jkun informa lill-Kummissjoni, Stat Membru jista' japplika żieda marġinali mat-tariffa tal-infrastruttura imposta fuq sezzjonijiet speċifiċi tat-toroq li jkollhom konġestjoni regolari, jew li l-użu tagħhom mill-vetturi jikkawża ħsara ambjentali partikolari, fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) id-dħul iġġenerat miż-żieda marġinali jiġi investit biex jiffinanzja l-iżvilupp tas-servizzi tat-trasport, jew fil-kostruzzjoni jew il-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport tan-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni li jikkontribwixxu direttament biex tittaffa l-konġestjoni jew il-ħsara ambjentali u li jinsabu fl-istess kuritur bħas-sezzjoni tat-triq li fuqha tiġi applikata ż-żieda marġinali;

- (b) iż-żieda margġnali ma taqbiżx il-15 % tat-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 7b(1) u l-Artikolu 7e ta' din id-Direttiva, hġief fejn id-dħul iġġenerat jiġi investit f'sezzjonijiet transfruntiera ta' kuritur tan-network ewlieni identifikat f'konformità mal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, f'liema każ iż-żieda margġnali ma għandhiex taqbeż il-25 % ta' dik it-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura, jew fejn żewġ Stati Membri jew aktar japplikaw żieda margġnali fl-istess kuritur f'liema każ, bi qbil mal-Istati Membri kollha li huma parti minn dak il-kuritur u li jkunu ġirien tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom taqa' s-sezzjoni tal-kuritur li għaliha tkun ser tiġi applikata żieda margġnali, dik iż-żieda margġnali tista' taqbeż il-25 % iżda ma tistax taqbeż il-50 % ta' dik it-tariffa medja ppeżata għall-infrastruttura ;
- (c) l-applikazzjoni taż-żieda margġnali ma tkunx kawża ta' trattament inġust tat-traffiku kummerċjali meta mqabbel ma' utenti oħra tat-triq;
- (d) deskriżżjoni tal-post eżatt ta' fejn ser tiġi imposta ż-żieda margġnali u prova ta' deċiżjoni li jiġu ffinanzjati l-infrastruttura tat-trasport jew is-servizzi tat-trasport imsemmija fil-punt (a) jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni qabel l-applikazzjoni taż-żieda margġnali;
- (e) il-perijodu li għalih għandha tapplika ż-żieda margġnali jkun definit u limitat minn qabel u jkun konsistenti, fir-rigward tad-dħul li mistenni jidħol, mal-pjani finanzjarji u mal-analiżi tal-kost-benefiċċju għall-proġetti kofinanzjati bid-dħul miż-żieda margġnali.

2. Fil-każ ta' proġett transfruntiera ġdid, żieda marġinali tista' ssir biss jekk l-Istati Membri kollha involuti fil-proġett jaqblu.
3. Żieda marġinali tista' tiġi applikata fuq tariffa għall-infrastruttura li tkun ġiet varjata skont l-Artikolu 7g, 7ga jew 7gb.
4. Wara li tirċievi l-informazzjoni meħtieġa minn Stat Membru li jkollu l-ħsieb li japplika żieda marġinali, il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-membri tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 9c. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li ż-żieda marġinali ppjanata ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew jekk tikkunsidra li ż-żieda marġinali ppjanata ser ikollha effetti avversi sinifikanti fuq l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni periferiċi, hija tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, biex tiċċad jew titlob l-emendar tal-pjanijiet għat-tariffi ppreżentati mill-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9c(3).
5. Żieda marġinali ma tistax tiġi applikata għal sezzjonijiet tat-toroq li fuqhom tiġi applikata tariffa tal-konġestjoni.

Artikolu 7g

1. It-tariffa għall-infrastruttura tista' tiġi varjata bl-iskop li tonqos il-konġestjoni, tonqos kemm jista' jkun il-ħsara għall-infrastruttura u jitjieb bl-aħjar mod possibbli l-użu tal-infrastruttura kkonċernata jew tiġi promossa s-sikurezza fit-toroq, fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-varjazzjoni tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha fuq termini ugwali;
 - (b) il-varjazzjoni tiġi applikata skont il-ħin tal-ġurnata, it-tip ta' ġurnata jew l-istaġun;
 - (c) ebda tariffa għall-infrastruttura ma tkun aktar minn 175 % 'l fuq mil-livell massimu tat-tariffa medja ponderata għall-infrastruttura kif imsemmi fl-Artikolu 7b;
 - (d) il-perijodi bl-aktar traffiku li matulhom jiġu imposti tariffi oġhla għall-infrastruttura bl-iskop li tonqos il-konġestjoni ma jkunux itwal minn sitt sigħat kuljum;
 - (e) il-varjazzjoni tkun ippjanata u applikata b'mod trasparenti u newtrali f'sens ta' dħul finanzjarju fuq sezzjoni tat-triq effettwata mill-konġestjoni b'mod li toffri rati ta' pedaġġ imnaqqsa għall-utenti tat-triq li jivvjaġġaw waqt perijodu bla traffiku u rati ta' pedaġġ oġhla għall-utenti tat-triq li jivvjaġġaw waqt is-sigħat ta' traffiku intensiv fl-istess sezzjoni tat-triq;
 - (f) ebda tariffa tal-konġestjoni ma hija imposta fuq is-sezzjoni tat-triq ikkonċernata.

Stat Membru li jkun jixtieq jintroduċi tali varjazzjoni jew ibiddel waħda eżistenti għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan u jipprovdiha l-informazzjoni neċessarja biex tivvaluta jekk il-kondizzjonijiet humiex issodisfati.

2. Sakemm tiġi applikata l-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura u t-tariffi għall-utent imsemmija fl-Artikolu 7ga, fir-rigward tal-vetturi tqal, l-Istati Membri għandhom ivarjaw it-tariffa għall-infrastruttura skont il-klassi tal-emissjonijiet Euro tal-vettura b'tali mod li ebda tariffa għall-infrastruttura ma tkun aktar minn 100 % 'l fuq mill-istess tariffa għal vetturi ekwivalenti li jissodisfaw l-aktar standards stretti tal-emissjonijiet Euro. Ladarba t-tariffi għall-infrastruttura u t-tariffi għall-utent jiġu varjati skont l-Artikolu 7ga, l-Istati Membri jistgħu ma jkomplux bil-varjazzjoni skont il-klassi tal-emissjonijiet Euro.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax ir-rekwiżit li jvarja t-tariffa għall-infrastruttura jekk tkun tapplika kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) huwa jimmina b'mod serju l-koerenza tas-sistemi ta' pedaġġ fit-territorju tiegħu;
- (b) ma jkunx teknikament prattikabbli li jiġi introdott dan id-differenzjar fis-sistema ta' pedaġġ ikkonċernata;
- (c) huwa jwassal għad-devjazzjoni tal-vetturi li jniġġsu l-aktar b'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq u s-saħħa pubblika;

(d) il-pedaġġ jinkludi tariffa għall-ispejjeż esterni għat-tniġġis tal-arja.

Kwalunkwe deroga jew eżenzjoni bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

3. Il-varjazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu maħsuba biex jiġġeneraw dħul addizzjonali.";

(11) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 7ga

1. L-Istati Membri għandhom iwarjaw tariffi għall-infrastruttura u t-tariffi għall-utent għal vetturi tqal f'konformità ma' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dik il-varjazzjoni għandha tiġi applikata għas-sottogruppi ta' vetturi tqal koperti mill-Artikolu 2(1) il-punti (a) sa (d) tar-Regolament (UE) 2019/1242, mhux aktar tard minn sentejn wara l-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għal dawg is-sottogruppi ta' vetturi fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament .

Għall-klassijiet 1, 4 u 5 tal-emissjonijiet ta' CO₂, imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dik il-varjazzjoni għandha tapplika għall-gruppi ta' vetturi tqal mhux koperti mill-Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (d), tar-Regolament (UE) 2019/1242, mhux aktar tard minn sentejn wara l-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza fatti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, għall-grupp rilevanti. Fejn il-punt 5.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242 jiġi emendat permezz ta' att leġislattiv tal-Unjoni b'tali mod li jiġu koperti l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza rilevanti għal grupp ta' vetturi tqal, tali emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza ma għandhomx jibqgħu jiġu ddeterminati skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu iżda f'konformità mal-punt 5.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

Fejn it-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal gruppi ta' vetturi tqal mhux koperti mill-Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (d), tar-Regolament (UE) 2019/1242, jiġu determinati minn att leġislattiv tal-Unjoni li jemenda l-punt 5.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, il-varjazzjonijiet għall-klassijiet 2 u 3 tal-emissjonijiet ta' CO₂, kif definiti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet il-ġodda.

Mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis tar-rati previsti fil-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu rati mnaqqsa għat-tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent, jew eżenzjonijiet biex jitħallsu t-tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent għal vetturi b'emissjonijiet zero minn kwalunkwe grupp ta' vetturi minn ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] sal-31 ta' Diċembru 2025. Mill-1 ta' Jannar 2026, tali tnaqqis għandu jkun limitat sa 75 % meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO₂, kif definit fil-paragrafu 2.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu għal kull tip ta' vettura tqila l-klassijiet tal-emissjonijiet ta' CO₂ li ġejjin:
 - (a) klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO₂ – vetturi li ma jappartjenu għal ebda klassi tal-emissjonijiet ta' CO₂ imsemmija taħt il-punti (b) sa (e);
 - (b) klassi 2 tal-emissjonijiet ta' CO₂ – vetturi tas-sottogrupp ta' vetturi (sg) irreġistrati għall-ewwel darba fil-perijodu ta' rappurtar tas-sena Y b'emissjonijiet ta' CO₂ aktar minn 5 % inqas mit-trajettorja tat-tnaqqis ta' emissjonijiet għall-perijodu ta' rappurtar għas-sena Y u s-sottogrupp ta' vetturi sg iżda li ma jappartjenu għall-ebda klassi tal-emissjonijiet ta' CO₂ imsemmija taħt il-punti (c), (d) u (e);

- (c) klassi 3 tal-emissjonijiet ta' CO₂ – vetturi tas-sottogrupp ta' vetturi sg irreġistrati għall-ewwel darba fil-perijodu ta' rappurtar tas-sena Y b'emissjonijiet ta' CO₂ aktar minn 8 % inqas mit-trajettorja tat-tnaqqis ta' emissjonijiet għall-perijodu ta' rappurtar għas-sena Y u s-sottogrupp ta' vetturi sg li ma jappartjenu għall-ebda klassi tal-emissjonijiet ta' CO₂ imsemmija taħt il-punti (d) u (e);
- (d) klassi 4 tal-emissjonijiet ta' CO₂ – vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi;
- (e) klassi 5 tal-emissjonijiet ta' CO₂ – vetturi b'emissjonijiet żero.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klassifikazzjoni ta' vettura li tappartjeni għall-klassi 2 jew 3 ta' CO₂ tiġi vvalutata mill-ġdid kull sitt snin wara d-data tal-ewwel reġistrazzjoni tagħha u li, fejn rilevanti, il-vettura tiġi kklassifikata mill-ġdid fil-klassi tal-emissjonijiet rilevanti abbażi tal-limiti massimi applikabbli f'dak iż-żmien. Ir-riklassifikazzjoni għandha, fir-rigward ta' tariffa għall-utent, tidħol fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' validità tagħha li sseħħ fil-jum ta' dik ir-riklassifikazzjoni jew warajh.

- 3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, għandhom japplikaw tariffi mnaqqsa għal vetturi fil-klassijiet 2, 3, 4 u 5, tal-emissjonijiet ta' CO₂ kif ġej:
 - (a) klassi 2 tal-emissjonijiet ta' CO₂ – tnaqqis ta' 5 % sa 15 % meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO₂;

- (b) klassi 3 tal-emissjonijiet ta' CO₂ – tnaqqis ta' 15 % sa 30 % meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO₂;
- (c) klassi 4 tal-emissjonijiet ta' CO₂ – tnaqqis ta' 30 % sa 50 % meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO₂;
- (d) klassi 5 tal-emissjonijiet ta' CO₂ – tnaqqis ta' 50 % sa 75 % meta mqabbel mat-tariffa applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO₂.

Fejn it-tariffa għall-infrastruttura jew it-tariffa għall-utent tvarja wkoll skont il-klassi ta' emissjoni Euro, it-tnaqqis imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu japplika meta mqabbel mat-tariffa applikata għall-aktar standards stretti tal-emissjonijiet Euro.

- 4. Il-varjazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu maħsuba biex jiġġeneraw dħul addizzjonali.
- 5. B' deroga mill-paragrafu 1, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax ir-rekwiżit li jvarja t-tariffa għall-infrastruttura f'konformità mal-paragrafu 2 fejn tiġi imposta tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂ u din tiġi varjata skont il-valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂ fl-Anness IIIc.

6. F'sezzjonijiet tat-toroq fejn vettura titħaddem mingħajr emissjonijiet ta' CO₂ b'mod verifikabbli, l-Istati Membri jistgħu japplikaw għal dik il-vettura tariffi mnaqqa f'konformità mal-klassi 5 tal-emissjonijiet ta' CO₂. L-Istati Membri li jagħmlu użu minn dik l-għażla għandhom japplikaw it-tariffi applikabbli għall-klassi 1 tal-emissjonijiet ta' CO₂ għal dik il-vettura f'sezzjonijiet oħra tat-toroq.
7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għall-gruppi ta' vetturi mhux koperti mill-Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (d), tar-Regolament (UE) 2019/1242.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jirriproduċu d-data rilevanti għal kull grupp ta' vetturi ppubblikat fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/956. Il-Kummissjoni għandha tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tar-rapport rilevanti msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/956.

8. Sa ... [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] , il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni u l-effettività tal-varjazzjoni tat-tariffi abbażi tal-emissjonijiet ta' CO₂ imsemmija f'dan l-Artikolu, kif ukoll jekk tkunx għadha neċessarja u l-koerenza tagħha mad-Direttivi 2003/87/KE u 2003/96/KE. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, fejn adatt, tissottometti proposta legiſlattiva biex temenda d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva dwar il-varjazzjoni tat-tariffi abbażi tal-emissjonijiet ta' CO₂.

9. Il-Kummissjoni għandha, kull ħames snin, wara ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], tirrieżamina r-rati massimi tat-tariffi għall-utent fl-Anness II u l-livelli ta' tnaqqis imsemmija fil-paragrafu 3 , u, fejn xieraq, tissottometti proposta leġiżlattiva, ibbażata fuq ir-riżultati ta' dak il-proċess ta' rieżami, biex temenda dawk id-dispożizzjonijiet.
10. Kull 30 xahar wara ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tfassal rapport li jivvaluta l-adegwatezza tal-limiti massimi għall-klassijiet 2 u 3 ta' emissjoni ta' CO₂ imsemmija fl-Artikolu 7ga(2), punti (b) u (c) ta' din id-Direttiva , fir-rigward tal-emissjonijiet ta' referenza ppubblikati skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242 jew l-emissjonijiet ta' CO₂ irrappurtati skont ir-Regolament (UE) 2018/956, u fejn xieraq tissottometti proposta biex temenda dawk il-limiti massimi abbażi tar-riżultati ta' dik il-valutazzjoni.
11. L-applikazzjoni tal-varjazzjoni tat-tariffi abbażi tal-emissjonijiet ta' CO₂ imsemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex tkun obligatorja fejn tapplika miżura oħra tal-Unjoni ta' pprezzar tal-karbonju tal-karburant għat-trasport bit-triq.

Artikolu 7gb

1. L-Istati Membri jistgħu jiddifferenzjaw bejn il-pedaġġi u t-tariffi għall-utent għal vetturi ħfief skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura, kif determinat mill-emissjonijiet ta' CO₂ speċifiċi kkombinati, jew ponderati u kkombinati, irreġistrati fl-entrata 49 ta' ċertifikat tal-konformità tal-vettura, u mill-prestazzjoni tal-emissjonijiet Euro.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, rati aktar baxxi ta' pedaġġi u tariffi għall-utent għandhom japplikaw għall-karozzi tal-passiġġieri, minibuses u l-vetturi kummerċjali ħfief li jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂, iddeterminati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151*, għandhom ikunu zero jew inqas mil-livelli li ġejjin:
 - (i) għall-perijodu mill-2021 sal-2024, il-miri għall-flotta kollha tal-UE²⁰²¹ iddeterminata f'konformità mal-Parti A il-punt 6, u l-Parti B, il-punt 6, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;
 - (ii) għall-perijodu mill-2025 sal-2029, il-miri għall-flotta kollha tal-UE iddeterminati skont l-Anness I tal-Parti A, punt 6.1.1, u l-Parti B, punt 6.1.1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631;

- (iii) għall-perijodu mill-2030 'il quddiem, il-miri għall-flotta kollha tal-UE f'konformità mal-Anness I, il-Parti A, il-punt 6.1.2 u l-Parti B, punt 6.1.2, tal-Anness tar-Regolament (UE) 2019/631;
 - (b) l-emissjonijiet tagħhom ta' sustanzi niġġiesa, iddeterminati skont ir-Regolament (UE) 2017/1151, għandhom ikunu kif speċifikat fit-tabella tal-Anness VII ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu japplikaw it-tnaqqis għall-vetturi b'emissjonijiet żero msemmija fl-Anness VII ta' din id-Direttiva mingħajr ma japplikaw tnaqqis għall-kategoriji l-oħra tar-rendiment tal-emissjonijiet imsemmija f'dak l-Anness.
2. Mill-1 ta' Jannar 2026, fejn ikun teknikament prattikabbli, l-Istati Membri għandhom iverjaw il-pedaġġi u t-tariffi annwali għall-utent għall-vannijiet u l-minibuses skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura, f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Anness VII. Għal dak il-għan, id-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom ikunu indikattivi.

Fejn l-Istati Membri jagħżlu li japplikaw kriterji ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet jew livelli ta' tnaqqis differenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafu 1, jew jagħżlu li jinkludu kriterji differenti jew addizzjonali, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-għażliet tagħhom u jiġġustifikawhom, mill-inqas sitt xhur qabel l-introduzzjoni ta' kwalunkwe varjazzjoni.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw tnaqqis għal vetturi b'emissjonijiet żero biss, mingħajr ma japplikaw l-ebda varjazzjoni għal vetturi oħra u mingħajr ma jinnotifikaw lill-Kummissjoni.

3. Soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jkisu titjib fil-prestazzjoni ambjentali tal-vettura li hija marbuta mal-konverżjoni ta' dik il-vettura għal karburanti alternattivi.
4. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri eċċezzjonali għall-finijiet tal-impożizzjoni ta' tariffi fuq vetturi ta' interess storiku.
- 5 Il-varjazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu maħsuba biex jiġġeneraw dħul addizzjonali.";

* Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

** Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011

(12) l-Artikolu 7h huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

1. “Tal-inqas sitt xhur qabel l-implimentazzjoni ta’ arranġament ġdid jew ta’ arranġament sostanzjalment emendat ta’ pedaġġ għal tariffa għall-infrastruttura, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni:”;

(ii) fil-punt (a), jiżdied l-inċiż li ġej:

“– fejn applikabbli, informazzjoni ċara dwar il-karatteristiċi ewlenin tas-sistema elettronika ta’ pedaġġ, inkluż dwar l-interoperabbiltà;”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. Meta jibgħat informazzjoni lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1, Stat Membru jista' jinkludi informazzjoni dwar aktar minn emenda waħda ta' arranġament ta' pedaġġi għall-infrastruttura. Fejn il-Kummissjoni tkun diġà ġiet infurmata dwar emenda, l-Istat Membru għandu jitqies li diġà ssodisfa r-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-paragrafu 1 u dik l-emenda tista' tiġi implimentata mingħajr ma l-Kummissjoni tiġi infurmata ulterjorment..”

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Qabel l-implimentazzjoni ta' arranġament ġdid jew sostanzjalment emendat ta' pedaġġ għal tariffi għall-ispejjeż esterni jew tariffi tal-konġestjoni, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar in-network ikkonċernat, ir-rati għal kull kategorija ta' vetturi u l-klassi tal-emissjonijiet li huma previsti u, fejn japplika, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'konformità mal-Anness IIIa, il-punt (2) jew l-Anness V, il-punt 2.";

(d) il-paragrafu 4 huwa mħassar;

(13) l-Artikolu 7i huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) dan ir-roħs jew tnaqqis jirrifletti l-iffrankar effettiv fl-ispejjeż amministrattivi tat-trattament ta' utenti frekwenti meta mqabbla mal-utenti okkażjonali;

(c) it-tnaqqis ma jaqbix it-13 % tat-tariffa għall-infrastruttura mħallsa minn vetturi ekwivalenti li mhumiex eliġibbli għar-roħs jew għat-tnaqqis.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu skontijiet jew tnaqqis fit-tariffa għall-infrastruttura għall-karozzi tal-passiġġieri għall-utenti frekwenti b'mod partikolari f' żoni ta' residenza dispersi u fil-periferiji tal-ibliet. Tnaqqis fid-dħul minħabba skont mogħti lil utenti frekwenti m'għandux jiġi impost fuq utenti anqas frekwenti.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

3. Soġġetti għall-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7g(1), punt (b) u fl-Artikolu 7g(3) ta' din id-Direttiva, ir-rati tal-pedaġġi għal proġetti kbar tan-network trans-Ewropew tat-trasport ewlieni li huma identifikati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, jistgħu jkunu soġġetti għal forom oħrajn ta' varjazzjoni sabiex tiġi żgurata l-vijabilità kummerċjali ta' dawn il-proġetti, meta dawn ikunu esposti għal kompetizzjoni diretta ma' modi oħrajn ta' trasport. L-istruttura li timponi t-tariffi u li tirriżulta għandha tkun lineari u proporzjonata. Id-dettalji tagħha għandhom isiru pubbliċi u hija għandha ssir disponibbli għall-utenti kollha b'termini ugwali. Hija ma għandhiex twassal biex l-ispejjeż addizzjonali jgħaddu għand utenti oħrajn fl-għamla ta' pedaġġi oġġla.';

(14) l-Artikolu 7j huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utent għandhom jiġu applikati u miġbura u l-ħlas tagħhom mmonitorjat b'tali mod li jikkawża l-inqas xkiel possibbli għaċ-ċirkolazzjoni libera tat-traffiku u biex jiġi evitat kwalunkwe kontroll jew verifika mandatorji fil-fruntieri interni tal-Unjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-istabbiliment ta' metodi li jippermettu lill-utenti tat-toroq iħallsu l-pedaġġi u t-tariffi għall-utent 24 siegħa kuljum, tal-inqas b'mod elettroniku jew mal-fruntiera jew f'punti tal-bejgħ ewlenin, bl-użu ta' mezzi komuni ta' ħlas, ġewwa u barra l-Istati Membri fejn ikunu applikati. L-Istati Membri mhumiex obbligati jipprovdu punti ta' ħlas fiżiċi.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

2a. Fejn xufier jew, jekk xieraq, l-operatur tat-trasport jew il-fornitur tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS), ma jkunx jista' jipprovdi evidenza tal-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura għall-finijiet tal- Artikolu 7g(2), l-Artikolu 7ga, jew l-Artikolu 7gb, l-Istati Membri jistgħu japplikaw pedaġġi jew tariffi għall-utent sal-ogħla livell li jista' jintalab ħlas għalih.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-utent tat-triq ikun jista' jiddikjara l-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura tal-anqas permezz ta' mezzi elettroniċi qabel ma juża l-infrastruttura. L-Istati Membri jistgħu joffru mezzi elettroniċi u mhux elettroniċi biex jippermettu lill-utent jipprovdi evidenza sabiex jibbenefika mit-tnaqqis tal-pedaġġi jew, fejn xieraq, fil-każ ta' verifika. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-evidenza pprovduta permezz ta' mezzi elettroniċi tiġi pprovduta qabel ma tintuża l-infrastruttura.

L-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għoti ta' evidenza sussegwenti għall-użu tal-infrastruttura jiġi aċċettat għal 30 jum jew perijodu itwal determinat mill-Istati Membri wara l-użu tal-infrastruttura u biex jiġi żgurat ir-rimborż ta' kwalunkwe differenza bejn il-pedaġġi jew it-tariffi għall-utent applikati u l-pedaġġ jew it-tariffa għall-utent li tikkorrispondi għall-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura kkonċernata li ssegwi mill-evidenza pprovduta fil-limitu ta' żmien applikabbli.

(c) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

3. Jekk Stat Membru jimponi pedaġġ fuq vettura, l-ammont totali tal-pedaġġ, l-ammont tat-tariffa għall-infrastruttura, l-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni u l-ammont tat-tariffa tal-konġestjoni, fejn jiġu applikati, għandhom jiġu indikati f'irċevuta pprovduta lill-utent tat-triq, sa fejn ikun possibbli b'mezzi elettroniċi. L-utent tat-triq jista' jaqbel li ma jingħatax l-irċevuta.

4. "Fejn ikun ekonomikament fattibbli, l-Istati Membri għandhom jimponu u jiġbru t-tariffi għall-infrastruttura, tariffi għall-ispejjeż esterni u t-tariffi tal-konġestjoni permezz ta' sistema elettronika ta' pedaġġ li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri li tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-interoperabilità tas-sistemi ta' kollezzjoni elettronika tat-tariffi f'livell Ewropew. ";

* Id-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' h̄las ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 45).

- (15) l-Artikolu 7k huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 7k

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà tal-Istati Membri li jintroduċu sistema ta' pedaġġi biex ikun previst kumpens xieraq.”;

(16) l-Artikolu 8, huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) il-pagament tat-tariffi komuni għall-utent għandu jagħti aċċess għas-sistema tat-toroq kif definit mill-Istati Membri parteċipanti f'konformità mal-Artikolu 7(1) u (2);

(b) ir-rati komuni ta' tariffi imposti għall-utent għandhom jiġu f'fissati mill-Istati Membri parteċipanti f'livelli li mhumiex oġhla mir-rati massimi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7a;"

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

3. Fil-każ ta' sistema komuni għal tariffi għall-utent imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-data finali tal-applikazzjoni tal-varjazzjonijiet imsemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7ga(1) hija estiża sa... [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], jew jekk l-emissjonijiet tas-CO2 ta' referenza jkunu ppubblikati wara ...[id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], tliet snin wara l-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 ta' referenza.

(17) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1a. Din id-Direttiva ma għandhiex timpedixxi lill-Istati Membri milli japplikaw:

tariffi regolatorji mfasslin speċifikament biex inaqqsu l-konġestjoni tat-traffiku jew jiġġieldu l-impatti ambjentali, inkluż il-kwalità ħażina tal-arja, fuq kwalunkwe triq li tinsab f'żona urbana, inkluż toroq tan-network trans-Ewropew li jaqsmu żoni urbani;

(b) tariffi maħsuba speċifikament biex jiffinanzjaw il-kostruzzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' installazzjonijiet, integrati fit-toroq jew imqegħdin tul it-toroq jew fuqhom, li jipprovdu enerġija lil vetturi mexjin b'emissjonijiet żero jew b'livell baxx ta' emissjonijiet u imposti fuq tali vetturi.

Dawk it-tariffi għandhom jiġu applikati fuq bażi nondiskriminatorja”;

(b) fil-paragrafu 2, jitħassar it-tieni subparagrafu;

(18) fl-Artikolu 9c, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

“3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.”;

(19) l-Artikoli 9d u 9e huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Artikolu 9d

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9e biex temenda din id-Direttiva fir-rigward tal-Anness 0, il-formuli fil-punti 4.1 u 4.2 tal-Anness IIIa, u l-ammonti indikati fit-Tabelli tal-Annessi IIIb u IIIc sabiex tadattahom skont il-progress xjentifiku u tekniku.

Fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 7cb(4), il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9e, biex temenda din id-Direttiva fir-rigward tal-valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂ stabbiliti fl-Anness IIIc, filwaqt li tqis il-prezz effettiv tal-karbonju applikat għall-karburanti għat-trasport bit-triq fl-Unjoni. Tali emendi għandhom ikunu limitati biex jiżguraw li l-livell tat-tariffi għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂ ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu internalizzati dawk l-ispejjeż esterni.

Artikolu 9e

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 9d għal perijodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta'din id-Direttiva emendatorja]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9d tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha jkollha effett l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9d għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.';

(20) l-Artikoli 9f u 9g jitħassru;

(21) l-Artikoli 10a u 11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 10a

1. L-ammonti feuro stabbiliti fl-Anness II u l-ammonti f'ċenteżmi stabbiliti fit-Tabelli tal-Annessi IIIb u IIIc għandhom jiġu adattati kull sentejn sabiex jitqiesu l-bidliet fl-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur madwar l-UE (HICP) bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat). L-ewwel adattament għandu jseħħ sal-31 ta' Marzu ... [is-sena ta' wara sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]."

L-ammonti għandhom jiġu aġġornati awtomatikament, permezz tal-adattament tal-ammont bażi f'euro jew f'ċenteżmi bil-perċentwal tal-bidla f'dak l-indiċi. L-ammonti li jirriżultaw għandhom jiżdiedu sal-eqreb euro fir-rigward tal-Anness II, jiżdiedu sal-eqreb wieħed minn għaxra ta' ċenteżmu fir-rigward tal-Annessi IIIb u IIIc.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-ammonti adattati msemmija fil-paragrafu 1 sal-31 ta' Marzu ... is-sena wara s-sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja. Dawk l-ammonti adattati għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-pubblikazzjoni.

Artikolu 11

1. Sa ...tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva emendatorja, u kull ħames snin wara dik id-data, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw f'forma aggregata rapport dwar il-pedaġġi u t-tariffi għall-utent imposti fuq it-territorju tagħhom.

2. Ir-rapport ippubblikat skont il-paragrafu 1 għandu jinkludi informazzjoni dwar:

- (a) L-evoluzzjoni tat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura tat-toroq, jiġifieri n-networks u l-kategoriji tal-vetturi koperti, inkluż kwalunkwe eżenzjoni skont l-Artikoli 7, 7c jew 7g;
- (b) il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura jew it-tariffi għall-utent skont il-kategorija tal-vettura u t-tip ta' vettura tqila;

- (c) il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura jew tat-tariffi għall-utent skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi, skont l-Artikoli 7g, 7ga jew 7gb;
- (d) fejn applikabbli, il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura skont il-ħin tal-jum, it-tip ta' jum jew l-istaġun, skont l-Artikolu 7g(1);
- (e) it-tariffa għall-ispejjeż esterni imposta għal kull kombinazzjoni ta' klassi ta' vetturi, tip ta' triq u perijodu ta' żmien;
- (f) it-tariffa medja ponderata għall-infrastruttura u d-dħul totali li jkun inġabar permezz tat-tariffa għall-infrastruttura;
- (g) id-dħul totali ġġenerat mit-tariffi għall-ispejjeż esterni;
- (h) id-dħul totali ġġenerat mit-tariffi tal-konġestjoni skont il-kategorija tal-vettura;
- (i) id-dħul totali ġġenerat miż-żidiet marġinali u fuq liema sezzjonijiet tat-toroq ġew imposti;
- (j) id-dħul totali ġġenerat mill-pedaġġi jew it-tariffi għall-utent, jew, fejn applikabbli, it-tnejn li huma;

- (k) informazzjoni dwar l-użu tad-dħul iġġenerat permezz tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u kif dan l-użu ppermetta lill-Istat Membru jilħaq l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 9(2), jew, fejn tali dħul jiġi allokat għall-baġit ġenerali, informazzjoni dwar il-livell ta' nfiq allokat għall-infrastruttura tat-trasport bit-triq u proġetti tat-trasport sostenibbli; kif ukoll
- (l) l-evoluzzjoni tas-sehem tal-vetturi li jappartjenu għad-diversi klassijiet ta' emissjonijiet fuq toroq b'pedaġġ.

L-Istati Membri li jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli pubblikament online jistgħu jiddeċiedu li ma jfasslux ir-rapport.';

(22) L-Annessi huma emendati kif ġej:

- (a) L-Annessi 0, II, III, IIIa, IIIb u IV huma emendati f'konformità mal-punti 1, 2, 3, 4, 5 u 7 tal-Anness għal din id-Direttiva;
- (b) It-test li jinsab fil-punti 6 u 8 tal-Anness għal din id-Direttiva jiżdied bħala Annessi IIIc, V, VI u VII għad-Direttiva 1999/62/KE..

Artikolu 2
Emendi għad-Direttiva 1999/37/KE

L-Anness I għad-Direttiva 1999/37/KE huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 2.6 (V.7) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(V.7) L-emissjonijiet ta' CO₂ (fi g/km) jew dawk speċifiċi ta' CO₂ fejn indikati fil-pożizzjoni 49.5 taċ-Ċertifikat ta' Konformità tal-KE ta' vetturi tqal definit fl-Appendiċi għall-Anness VIII għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2002/683*,

* Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 tal-15 ta' April 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (ĠU L 163, 26.5.2020, p. 1).';

(2) j iżdied il-punt li ġej:

"(V.10) Il-klassi tal-emissjonijiet ta' CO₂ ta' vetturi tqal iddeterminata waqt l-ewwel reġistrazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 7ga(2) tad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

Artikolu 3

Emenda għad-Direttiva (UE) 2019/520

Fl-Anness I għad-Direttiva (UE) 2019/520, it-Taqsima Elementi tad-data pprovduti bħala rizzultat tat-tiftix awtomatizzat magħmul skont l-Artikolu 23(1)", il-Parti I “ Data relatata mal-vetturi”, it-Tabella hija sostitwita b’dan li ġej

‘Parti I. Data relatata mal-vetturi

Punt	M/O ⁽¹⁾	Rimarki
Numru tar-reġistrazzjoni	M	
Numru tax-Chassis/Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN)	M	
Stat Membru tar-reġistrazzjoni	M	
Għamla	M	(D.1 ⁽²⁾) eż. Ford, Opel, Renault
Deskrizzjoni kummerċjali tal-vettura	M	(D.3) eż. Focus, Astra, Megane

Punt	M/O ⁽¹⁾	Rimarki
Kodiċi ta' Kategorija tal-UE	M	(J) eż. motorini, muturi, karożżi
Klassi tal-emissjonijiet Euro	M	eż. Euro 4, Euro 6
Klassi ta' emissjonijiet ta' CO ₂	O	applikabbli għal vetturi tqal
Data tar-riklassifikazzjoni	O	applikabbli għal vetturi tqal
CO ₂ f' g/tkm	O	applikabbli għal vetturi tqal
Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tal-vettura	M	

(1) M = mandatorju meta jkun disponibbli fir-reġistru nazzjonali, O = fakultattiv.

(2) Kodiċi armonizzati tal-Unjoni, ara d-Direttiva 1999/37/KE.².

Artikolu 4

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ...[sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif tali referenza għandha ssir għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

(1) Fil-punt 3 tal-Anness 0, tad-Direttiva 1999/62/KE, tizzied it-Tabella li ġejja:

"Limiti tal-Emissjonijiet Euro VI

	Valuri ta' limitu							
	CO (mg/kWh)	THC (mg/kWh)	NMHC (mg/kWh)	CH ₄ (mg/kWh)	NO _x ⁽¹⁾ (mg/kWh)	NH ₃ (ppm)	Massa ta' PM (mg/kWh)	Numru PM (#/kWh)
WHSC (CI)	1500	130			400	10	10	8,0 x 10 ¹¹
WHTC (CI)	4000	160			460	10	10	6,0 x 10 ¹¹
WHTC (PI)	4000		160	500	460	10	10	6,0 x 10 ¹¹

Nota:

PI = Tqabbid bl-ispark.

CI = Tqabbid bil-kompresjoni.

⁽¹⁾ Il-livell ammissibbli tal-komponent NO₂ fil-valur ta' limitu ta' NO_x jista' jiġi definit fi stadju aktar tard.";

(2) L-Anness II tad-Direttiva 1999/62/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX II

AMMONTI MASSIMI F'EURO TAT-TARIFFI GĦALL-UTENT, INKLUŻ L-ISPEJJEŻ
AMMINISTRATTIVI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7a(2)

Annwali

	massimu ta' tliet fusien	minimu ta' erba' fusien
Euro 0	1899	3185
Euro I	1651	2 757
Euro II	1 428	2 394
Euro III	1242	2 073
Euro IV	1081	1 803
Euro V	940	1 567
Euro VI	855	1 425

Kull xahar kull ġimgħa u kuljum

Ir-rati massimi kull xahar kull ġimgħa u kuljum huma proporzjonati għall-perijodu ta' żmien li fih tkun intużat l-infrastruttura.';

(3) L-Anness III tad-direttiva 1999/62/KE huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 2.1., is-sitt inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– L-ispejjeż għandhom jitqassmu għal vetturi tqal fuq bażi oġġettiva u trasparenti billi jitqies il-proporzjon ta' traffiku ta' vetturi tqal li għandu jiċċirkola fuq in-network u l-ispejjeż marbuta ma' dan. L-għadd ta' kilometri tal-vettura mwettqa minn vetturi tqal jista' għal dan l-għan jiġi aġġustat b'"fatturi ta' ekwivalenza" ġustifikati oġġettivament bħal dawk stabbiliti fil-punt 4¹.";

(b) fil-punt 2.2., it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– Dawn l-ispejjeż għandhom jitqassmu bejn il-vetturi tqal u traffiku ieħor abbażi ta' ishma reali u mbassra ta' kilometri tal-vettura u jistgħu jiġu aġġustati b'fatturi ta' ekwivalenza ġustifikati b'mod oġġettiv bħal dawk imniżżla fil-punt 4.";

(c) fil-punt 4, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"4. Is-sehem ta' traffiku ta' vetturi tqal, il-fatturi ta' ekwivalenza u l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni;:

¹ L-applikazzjoni ta' fatturi ta' ekwivalenza mill-Istati Membri tista' tqis il-konstruzzjoni tat-toroq żviluppata fuq bażi ta' fażijiet jew bl-użu ta' approċċ ta' ċiklu ta' ħajja twil

(d) fil-punt 4, l-ewwel inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– Il-kalkolu tal-pedaġġi għandu jkun ibbażat fuq ishma reali jew imbassra ta' kilometri tal-vettura vijaġġati minn vetturi tqal, aġġustati, jekk mixtieq, b'fatturi ta' ekwivalenza, biex titqies kif xieraq iż-żieda fl-ispejjeż tal-kostruzzjoni u tat-tiswija tal-infrastruttura għall-użu ta' vetturi tqal.";

(4) L-Anness IIIa tad-Direttiva 1999/62/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS IIIa

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-IMPOŻIZZJONI TA' TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ
ESTERNI

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-impożizzjoni ta' tariffa għall-ispejjeż esterni u, fejn applikabbli, għall-kalkolu tat-tariffa massima għall-ispejjeż esterni.

1. Il-partijiet tan-network tat-toroq ikkonċernat

L-Istat Membru għandu jispeċifika b'mod preċiż il-parti jew il-partijiet tan-network tat-toroq tiegħu li għandhom ikunu soġġetti għal tariffa għall-ispejjeż esterni.

Fejn Stat Membru jkun beħsiebu jimponi tariffa għall-ispejjeż esterni fuq parti waħda jew fuq xi partijiet biss tan-network tat-toroq mis-sehem tiegħu fin-network trans-Ewropew tat-trasport u l-awtostradi tiegħu, il-parti jew il-partijiet għandhom jintgħażlu wara valutazzjoni li tistabbilixxi li l-impożizzjoni ta' tariffa għall-ispiża esterna fuq partijiet oħrajn tan-network tat-toroq ta' dan it-tip jista' jkollha effetti negattivi fuq l-ambjent jew is-sikurezza fit-toroq.

Minn ...[erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva emendatorja], Stat Membru li biħsiebu ma jimponix tariffa għall-ispejjeż esterni għat-tniġġis tal-arja fuq sezzjonijiet speċifiċi tan-network tat-toroq tiegħu b'pedaġġi, huwa għandu jagħżel ukoll dawk is-sezzjonijiet abbażi ta' valutazzjoni bħal din.

2. Il-vetturi, it-toroq u l-perijodu ta' żmien kopert

Fejn Stat Membru jkun biħsiebu japplika tariffi oġhla għall-ispejjeż esterni mill-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb jew l-Anness IIIc, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-vetturi li skontha jvarjaw it-tariffi għall-ispejjeż esterni. Fejn applikabbli, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-lok ta' toroq soġġetti għal tariffi oġhla għall-ispejjeż esterni ("toroq suburbani (inkluż l-awtostradi)"), u ta' toroq soġġetti għal tariffi aktar baxxi għall-ispejjeż esterni ("toroq interurbani (inkluż l-awtostradi)").

Fejn applikabbli, huwa għandu jinnotifika wkoll lill-Kummissjoni dwar il-perijodi ta' żmien eżatti li jikkorrispondu għall-perijodu ta' billejl li matulu tista' tiġi imposta tariffa esterna oġhla għall-istorbju biex tirrifletti fastidji akbar ta' storbju.

Il-klassifikazzjoni tat-toroq bħala toroq suburbani (inkluż l-awtostradi) u toroq interurbani (inkluż l-awtostradi), u d-definizzjoni tal-perijodi ta' żmien għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi relatati mal-livell ta' esponiment tat-toroq u l-viċinanzi tagħhom għat-tniġġis bħad-densità tal-popolazzjoni, il-medja annwali tat-tniġġis tal-arja (b'mod partikolari għal PM₁₀ u NO₂) u jinqabeż l-għadd ta' jiem (għal PM₁₀) u sigħat (għal NO₂) li fih l-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva 2008/50/KE. Il-kriterji użati għandhom jiġu inklużi fin-notifika.

3. Ammont tat-tariffa

Din it-taqsimha għandha tapplika fejn Stat Membru jkun biġisiebju japplika tariffi oġhla għall-ispejjeż esterni mill-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb jew IIIc.

Għal kull klassi ta' vettura, tip ta' triq u perijodu ta' żmien, kif applikabbli, l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jiddeterminaw ammont wieħed speċifiku. L-istruttura tat-tariffi li tirriżulta għandha tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha fuq termini ugwali. Jenħtieġ li l-pubblikazzjoni ssir f'waqtha u qabel l-implimentazzjoni. Għandhom jiġu ppubblikati l-parametri kollha, id-data u informazzjoni oħra meħtieġa biex jinftiehem kif jiġu kkalkolati l-elementi varji tal-ispiża esterna.

Fl-istabbiliment tat-tariffi, l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju tal-ipprezzar effiċjenti jiġifieri prezz li jkun qrib l-ispiża marġinali soċjali tal-użu tal-vettura li fuqha tiġi imposta t-tariffa.

It-tariffa għandha tkun stabbilita wara li jkun ġie kkunsidrat ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku flimkien ma' kwalunkwe effett negattiv fuq is-sikurezza fit-toroq, l-ambjent u l-konġestjoni, u kwalunkwe soluzzjoni biex jittaffew dawn ir-riskji.

L-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jimmonitorjaw l-effikaċja tal-iskema li timponi t-tariffi fit-tnaqqis tal-ħsara ambjentali li tirriżulta mit-trasport bit-triq. Fejn xieraq, kull sentejn huwa għandu jaġġusta l-istruttura li timponi t-tariffi u l-ammont speċifiku tat-tariffa stabbilita għal klassi partikolari ta' vettura, tip ta' triq u perijodu ta' żmien skont il-bidliet fil-provvista u fid-domanda tat-trasport.

4. Elementi tal-ispiża esterna

4.1. Spiża għat-tniġġis tal-arja mit-traffiku

Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li japplika tariffi oġhla għall-ispejjeż esterni meta mqabbel mal-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb, dak l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jikkalkulaw l-ispiża li għandha tiġi imposta għat-tniġġis tal-arja minħabba t-traffiku billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$PCV_{ij} = \sum_k EF_{ik} \times PC_{jk}$$

fejn:

- PCV_{ij} = l-ispiża tat-tniġġis tal-arja ta' vettura tal-klassi i fuq tip ta' triq j (euro/kilometru ta' vettura)
- EF_{ik} = il-fattur ta' emissjoni tas-sustanza niġġiesa k u l-klassi ta' vettura i (gramma/kilometru ta' vettura)
- PC_{jk} = l-ispiża monetarja tas-sustanza niġġiesa k għal tip ta' triq j (euro/gramma)

Il-fatturi tal-emissjoni għandhom ikunu l-istess bħal dawk użati mill-Istat Membru biex jistabbilixxi l-inventarji nazzjonali dwar l-emissjonijiet previsti fid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* (li jeħtieġu l-użu tal-EMEP/EEA air pollutant emission inventory guidebook**). L-ispiża monetarja tas-sustanzi niġġiesa għandha tiġi stmata mill-Istat Membru jew, fejn xieraq, mill-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 7c(2) ta' din id-Direttiva, permezz ta' metodi pprovati xjentifikament.

L-Istat Membru jew, jekk xieraq, awtorità indipendenti, jistgħu japplikaw metodi alternattivi pprovati xjentifikament biex jiġi kkalkolat il-valur tal-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja bl-użu ta' data mill-kejl tas-sustanzi li jniġġsu l-arja u l-valur lokali tal-ispiża monetarja tas-sustanzi li jniġġsu l-arja.

4.2. Spiża għat-tniġġis mill-istorbju mit-traffiku

Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li japplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni meta mqabbel mal-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb, l-Istat Membru, jew, jekk xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jikkalkulaw l-ispiża li għandha tiġi imposta għat-tniġġis mill-istorbju minħabba t-traffiku billi jiġu applikati l-formuli li ġejjin:

$$NCV_j \text{ (daily)} = e \times \sum_k NC_{jk} \times POP_k / WADT$$

$$NCV_j \text{ (day)} = a \times NCV_j$$

$$NCV_j \text{ (night)} = b \times NCV_j$$

fejn:

- $NCV_j =$ l-ispiża għall-istorbju ta' vetturi tqal tal-merkanzija fuq tip ta' triq j (euro/kilometru tal-vettura)
- $NC_{jk} =$ l-ispiża għall-istorbju għal kull persuna esposta fuq tip ta' triq j sa livell ta' storbju k (euro/persuna)
- $POP_k =$ il-popolazzjoni esposta għal livell ta' storbju k kuljum għal kull kilometru (persuna/kilometru)

- WADT = il-medja ponderata tat-traffiku ta' kuljum (ekwivalenti għal karożżi tal-passiġġieri)
- a u b huma fatturi ponderati determinati mill-Istat Membru b'tali mod li t-tariffa medja ponderata li tirriżulta għall-istorbju għal kull kilometru ta' vettura tikkorrispondi għal NCVj (kuljum).

It-tniġġis mill-istorbju mit-traffiku hu relatat mal-impatt tal-istorbju fuq is-saħħa taċ-ċittadini tal-madwar tat-triq.

Il-popolazzjoni esposta għal-livell tal-istorbju k għandha tittieħed mill-mapep strateġiċi tal-ħsejjes abbozzati skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, jew sors ta' data ekwivalenti ieħor.

L-ispiża għal kull persuna esposta għal-livell ta' storbju k għandha tiġi stmata mill-Istat Membru jew, jekk xieraq minn awtorità indipendenti, bl-użu ta' metodi pprovati xjentifikament.

Il-medja ponderata tat-traffiku ta' kuljum għandha tassumi fattur ta' ekwivalenza "e" bejn vetturi tqal tal-merkanzija u karożżi tal-passiġġieri fuq il-bażi tal-livelli ta' emissjonijiet ta' storbju tal-karożza medja u tal-vetturi tqal medji tal-merkanzija, filwaqt li jitqies ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

L-Istat Membru jew, jekk xieraq, awtorità indipendenti, jistgħu jistabbilixxu tariffi differenzjati tal-istorbju biex jiġi ppremjat l-użu ta' vetturi aktar silenzjużi, jekk dan ma jirriżultax f'diskriminazzjoni kontra vetturi barranin.

4.3. Spiża għal emissjonijiet ta' CO₂ mit-traffiku

Fejn Stat Membru jkollu l-intenzjoni li japplika tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂ ogħla mill-valuri ta' referenza stabbiliti fl-Anness IIIc, għandu jsir kalkolu minn dak l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, tal-ispiża li tista' tiġi imposta abbażi ta' evidenza xjentifika bl-użu tal-approċċ tal-ispejjeż tal-evitar, filwaqt li jitqiesu u jkunu spjegati, b'mod partikolari, l-aspetti li ġejjin:

- (a) l-għażla tal-livell ta' emissjonijiet fil-mira;
- (b) stima tal-għażliet għall-mitigazzjoni;
- (c) stima tax-xenarju ta' referenza;
- (d) averżjoni għar-riskju u għat-telf;
- (e) ippeżar tal-ekwità.

Tal-anqas sitt xhur qabel l-implimentazzjoni ta' tali tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni.";

-
- * Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1)
 - ** Metodoloġija tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent: EMEP/EEA air pollutant emission inventory guidebook 2019 – Technical guidance to prepare national emission inventories <http://www.eea.europa.eu/publications/emep-eea-guidebook-2019>).
 - *** Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li ttrigwarda l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12);
 - **** Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131).';

(e) L-Anness IIIb tad-direttiva 1999/62/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS IIIb

VALURI TA' REFERENZA TAT-TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI

Dan l-Anness jistipula l-valuri ta' referenza tat-tariffi għall-ispejjeż esterni, inkluż l-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju.

Tabella 1

Valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi tqal tal-merkanzija

Klassi tal-vettura	ċenteżmu/kilometru ta' vettura	Suburbani ⁽¹⁾	Interurbani ⁽²⁾
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli inqas minn 12-il tunnellata jew li għandhom żewġ fusien	Euro 0	18,6	9,9
	Euro I	12,6	6,4
	Euro II	12,5	6,3
	Euro III	9,6	4,8
	Euro IV	7,3	3,4
	Euro V	4,4	1,8
	Euro VI	2,3	0,5
	Iniġġsu inqas minn Euro VI, inkluż vetturi b'emissjonijiet żero	2,0	0,3

Klassi tal-vettura	ċenteżmu/kilometru ta' vettura	Suburbani ⁽¹⁾	Interurbani ⁽²⁾
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli bejn 12 u 18-il tunnellata jew li għandhom tliet fusien	Euro 0	24,6	13,7
	Euro I	15,8	8,4
	Euro II	15,8	8,4
	Euro III	12,5	6,6
	Euro IV	9,2	4,5
	EURO V	5,6	2,7
	Euro VI	2,8	0,7
	Iniġġsu inqas minn EURO VI, inkluż vetturi b'emissjonijiet żero	2,3	0,3
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli bejn 18 u 32 tunnellata jew li għandhom erba' fusien	Euro 0	27,8	15,8
	Euro I	20,4	11,3
	Euro II	20,4	11,2
	Euro III	16,3	8,9
	Euro IV	11,8	6,0
	Euro V	6,6	3,4
	Euro VI	3,1	0,8
	Iniġġsu inqas minn Euro VI, inkluż vetturi b'emissjonijiet żero	2,5	0,3

Klassi tal-vettura	ċenteżmu/kilometru ta' vettura	Suburbani ⁽¹⁾	Interurbani ⁽²⁾
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli iktar minn 32 tunnellata jew li għandhom 5 fusien jew aktar	Euro 0	33,5	19,4
	Euro I	25,0	14,1
	Euro II	24,9	13,9
	Euro III	20,1	11,1
	Euro IV	14,2	7,5
	Euro V	7,6	3,8
	Euro VI	3,4	0,8
	Iniġġsu inqas minn Euro VI, inkluż vetturi b'emissjonijiet żero	2,8	0,3

(1) "Suburbani" tfisser żoni b'densità tal-popolazzjoni ta' bejn 150 u 900 abitant/km² (densità medjana tal-popolazzjoni ta' 300 abitant/km²).

(2) "Interurbani" tfisser żoni b'densità tal-popolazzjoni inqas minn 150 abitant/km².

Il-valuri tat-Tabella 1 jistgħu jiġu mmultiplikati b'fattur ta' 2 jew inqas f'żoni muntanjużi u madwar l-agglomerazzjonijiet sa fejn dan ikun ġustifikat minn dispersjoni aktar baxxa, l-inklinazzjoni tat-toroq, l-altitudni jew l-inverżjonijiet tat-temperatura. Jekk ikun hemm evidenza xjentifika għal fattur akbar għaż-żoni muntanjużi jew għall-agglomerazzjonijiet, dan il-valur ta' referenza jista' jiżdied abbażi ta' ġustifikazzjoni dettaljata.';

(6) l-Anness li ġej jiżdied fid-direttiva 1999/62/KE

"ANNEX IIIc

VALURI TA' REFERENZA TAT-TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI GĦALL-EMISSJONIJIET TA' CO₂

Dan l-Anness jistipula l-valuri ta' referenza tat-tariffi għall-ispejjeż esterni filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' CO₂.

Tabella 1

Valuri ta' referenza tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-emissjonijiet ta' CO₂ għall-vetturi tqal tal-merkanzija

Klassi tal-vettura		ċenteżmu/kilometru ta' vettura	Toroq interurbani (inkluż l-awtostradi)
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli inqas minn 12-il tunnellata jew li għandhom żewġ fusien	Klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO ₂	Euro 0	4,5
		Euro I	4,0
		Euro II	
		Euro III	
		Euro IV	
		Euro V	
	Euro VI		
	Klassi 2 ta' emissjonijiet ta' CO ₂		3,8
Klassi 3 ta' emissjonijiet ta' CO ₂		3,6	
Vetturi b'emissjonijiet baxxi		2,0	
Vetturi b'emissjonijiet żero		0	

Klassi tal-vettura		ċenteżmu/kilometru ta' vettura	Toroq interurbani (inkluż l-awtostradi)
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli bejn 12 u 18-il tunnellata jew li għandhom tliet fusien	Klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO ₂	Euro 0	6,0
		Euro I	5,2
		Euro II	
		Euro III	
	Klassi 2 ta' emissjonijiet ta' CO ₂	Euro IV	5,0
		Euro V	
		Euro VI	
		Klassi 3 ta' emissjonijiet ta' CO ₂	4,8
Vetturi b'emissjonijiet baxxi	4,5		
Vetturi b'emissjonijiet żero	2,5		
Vetturi b'emissjonijiet żero	0		
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli bejn 18 u 32 tunnellata jew li għandhom erba' fusien	Klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO ₂	Euro 0	7,9
		Euro I	6,9
		Euro II	
		Euro III	
		Euro IV	6,7
		Euro V	
		Euro VI	
	Klassi 2 ta' emissjonijiet ta' CO ₂	6,4	
	Klassi 3 ta' emissjonijiet ta' CO ₂	6,0	
	Vetturi b'emissjonijiet baxxi	3,4	
	Vetturi b'emissjonijiet żero	0	

Klassi tal-vettura		ċenteżmu/kilometru ta' vettura	Toroq interurbani (inkluż l-awtostradi)
Vetturi tqal tal-merkanzija li jkollhom massa massima mgħobbija teknikament permissibbli iktar minn 32 tunnellata jew li għandhom 5 fusien jew aktar	Klassi 1 ta' emissjonijiet ta' CO ₂	Euro 0	9,1
		Euro I	8,1
		Euro II	
		Euro III	8,0
		Euro IV	
		Euro V	
		Euro VI	
	Klassi 2 ta' emissjonijiet ta' CO ₂	7,6	
	Klassi 3 ta' emissjonijiet ta' CO ₂	7,2	
	Vetturi b'emissjonijiet baxxi	4,0	
	Vetturi b'emissjonijiet żero	0	

”;

- (7) fl-Anness IV tad-direttiva 1999/62/KE, it-tabella Vetturi kkombinati (vetturi artikolati u ferroviji tat-triq)" hija sostitwita b'dan li ġej:

“Kombinazzjonijiet ta’ vetturi (vetturi artikolati u road trains)

Fusien motorizzati b'sospensjoni tal-arja jew rikonoxxuti bħala ekwivalenti		Sistemi oħra ta' sospensjoni fuq il-fusien motorizzati		Klassi ta' ħsara
Għadd ta' fusien u massa massima mgħobbija teknikament permissibbli (ftunnellati)		Għadd ta' fusien u massa massima mgħobbija teknikament permissibbli (ftunnellati)		
Mhux inqas minn	Inqas minn	Mhux inqas minn	Inqas minn	
2 + 1 fusien				
7,5	12	7,5	12	I
12	14	12	14	
14	16	14	16	
16	18	16	18	
18	20	18	20	
20	22	20	22	
22	23	22	23	
23	25	23	25	
25	28	25	28	

Fusien motorizzati b'sospensjoni tal-arja jew rikonoxxuti bħala ekwivalenti		Sistemi oħra ta' sospensjoni fuq il-fusien motorizzati		Klassi ta' ħsara
Għadd ta' fusien u massa massima mgħobbija teknikament permissibbli (f'tunnellati)		Għadd ta' fusien u massa massima mgħobbija teknikament permissibbli (f'tunnellati)		
Mhux inqas minn	Inqas minn	Mhux inqas minn	Inqas minn	
2 + 2 fusien				
23	25	23	25	
25	26	25	26	
26	28	26	28	
28	29	28	29	
29	31	29	31	II
31	33	31	33	
33	36	33	36	III
36	38			
2 + 3 fusien				II
36	38	36	38	
38	40			
		38	40	III
2 + 4 fusien				II
36	38	36	38	
38	40			
		38	40	III
3 + 1 fusien				II
30	32	30	32	
32	35			
		32	35	III

Fusien motorizzati b'sospensjoni tal-arja jew rikonoxxuti bħala ekwivalenti		Sistemi oħra ta' sospensjoni fuq il-fusien motorizzati		Klassi ta' ħsara
Għadd ta' fusien u massa massima mgħobbija teknikament permissibbli (f'tunnellati)		Għadd ta' fusien u massa massima mgħobbija teknikament permissibbli (f'tunnellati)		
Mhux inqas minn	Inqas minn	Mhux inqas minn	Inqas minn	
3 + 2 fusien				II
36	38	36	38	
38	40			
		38	40	III
		40	44	
40	44			
3 + 3 fusien				
36	38	36	38	I
38	40			
		38	40	II
40	44	40	44	
7 fusien				
40	50	40	50	II
50	60	50	60	III
60		60		
Mill-inqas 8 fusien				
40	50	40	50	I
50	60	50	60	II
60		60		III

22

(8) jżdiedu l-Annessi li ġejjin fid-Direttiva 1999/62/KE:

"ANNEX V

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-IMPOŻIZZJONI TA' TARIFFA TAL-KONĠESTJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-impożizzjoni ta' tariffa tal-konġestjoni.

1. Il-partijiet tan-network soġġetti għat-tariffi tal-konġestjoni, il-vetturi u l-perijodi koperti

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw preċiżament:

- (a) il-parti jew il-partijiet tan-network tagħhom magħmul mis-sehem tagħhom tan-network trans-Ewropew tat-toroq u l-awtostradi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 7(1), li jkunu soġġetti għal tariffa tal-konġestjoni f'konformità mal-Artikolu 7da(1) u (3).
- (b) il-klassifikazzjoni ta' sezzjonijiet tan-network li huma soġġetti għat-tariffa tal-konġestjoni bħala "metropolitani" u "mhux metropolitani". L-Istati Membri għandhom jużaw il-kriterji stabbiliti fit-Tabella 1 għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni ta' kull sezzjoni tat-triq.

Tabella 1

Kriterji għall-klassifikazzjoni tat-toroq fuq in-network imsemmija fil-punti (a) bħala "metropolitani" u "mhux metropolitani"

Kategorija tat-triq	Kriterju tal-klassifikazzjoni
"metropolitani"	Sezzjonijiet tan-network għaddejnin minn agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ta' 250 000 abitant jew aktar
"mhux metropolitani"	Sezzjonijiet tan-network li mhumiex kwalifikati bħala "metropolitani"

- (c) il-perijodi li matulhom tapplika t-tariffa, għal kull sezzjoni individwali. Meta japplikaw livelli ta' tariffi differenti matul il-perijodu tariffarju, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw b'mod ċar il-bidu u t-tmiem ta' kull perijodu li matulu tiġi applikata tariffa speċifika.

L-Istati Membri għandhom jużaw il-fatturi ta' ekwivalenza pprovduti fit-Tabella 2 għall-fini tal-istabbiliment tal-proporzjon bejn il-livelli tariffarji għal kategoriji ta' vetturi differenti:

Tabella 2

Fatturi ta' ekwivalenza għall-istabbiliment tal-proporzjon bejn il-livelli tat-tariffi tal-konġestjoni għal kategoriji ta' vetturi differenti

Kategorija tal-vettura	Fattur ta' ekwivalenza
Vetturi ħfief	1
Vetturi tqal riġidi tal-merkanzija	1.9
Kowċis u xarabankijiet	2.5
Vetturi tqal tal-merkanzija artikolati	2.9

2. Ammont tat-tariffa

Għal kull kategorija ta' vettura, sezzjoni tat-triq u perijodu ta' ħin, l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jiddeterminaw ammont wieħed speċifiku, stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 1 ta' dan l-Anness, filwaqt li jitqies il-valur ta' referenza korrispondenti stabbilit fit-Tabella tal-Anness VI. L-istruttura tat-tariffi li tirriżulta għandha tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha fuq termini ugwali.

Qabel ma jimplimenta tariffa tal-konġestjoni, l-Istat Membru għandu jippubblika fil-ħin dawn kollha li ġejjin:

- (a) il-parametri kollha, id-data u informazzjoni oħra meħtieġa biex jinftiehem kif tiġi deċiża l-klassifikazzjoni tat-toroq u tal-vetturi u kif jiġu stabbiliti l-perijodi ta' applikazzjoni tat-tariffi;
- (b) id-deskrizzjoni sħiħa tat-tariffi tal-konġestjoni li japplikaw għal kull kategorija ta' vetturi fuq kull sezzjoni tat-triq u għal kull perijodu ta' żmien.

L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li għandha tiġi ppubblikata skont il-punti (a) u (b).

It-tariffa għandha tkun stabbilita biss wara li jkun ġie kkunsidrat ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku flimkien ma' kwalunkwe effett negattiv fuq is-sikurezza fit-toroq, l-ambjent u l-konġestjoni, u kwalunkwe soluzzjoni biex jittaffew dawn ir-riskji.

Meta Stat Membru jkun biħsiebu japplika tariffi tal-konġestjoni oġġla mill-valuri ta' referenza stabbiliti fit-Tabella tal-Anness VI, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dawn li ġejjin:

- (i) il-lok tat-toroq soġġetti għat-tariffi tal-konġestjoni;

- (ii) il-klassifikazzjoni ta' toroq bħala "metropolitani" u "mhux metropolitani", kif speċifikat fil-punt (b) tat-Taqsima 1;
- (iii) il-perijodi li matulhom tapplika t-tariffa, kif speċifikat skont fil-punt (c) tat-Taqsima 1;
- (iv) kwalunkwe eżenzjoni parzjali jew sħiħa applikata għal minibuses, xarabankijiet u kowċis.

3. Monitoraġġ

L-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jimmonitorjaw l-effikaċja tal-iskema li timponi t-tariffi fit-tnaqqis tal-konġestjoni. Fejn xieraq, kull tliet snin, għandhom jaġġustaw l-istruttura tariffarja, il-perijodu/i tariffarju/i u l-ammont speċifiku tat-tariffa stabbilita għal kull kategorija partikolari ta' vetturi, tip ta' triq u perijodu ta' żmien skont il-bidliet fil-provvista u fid-domanda tat-trasport.

ANNEX VI

VALURI TA' REFERENZA TAT-TARIFFA TAL-KONĠESTJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi l-valuri ta' referenza tat-tariffa tal-konġestjoni.

Il-valuri ta' referenza previsti fit-Tabella hawn taħt għandhom jiġu applikati għal vetturi ħfief. It-tariffa għall-konġestjoni għal kategoriji oħra ta' vetturi għandha tiġi stabbilita permezz tal-multiplikazzjoni tat-tariffa applikata għal vetturi ħfief bil-fatturi ta' ekwivalenza pprovduti fit-Tabella tal-Anness V.

Tabella

Il-valuri ta' referenza tat-tariffa tal-konġestjoni għal vetturi ħfief

ċenteżmu/kilometru ta' vettura	Metropolitani	Mhux metropolitani
Awtostradi	25,9	23,7
Toroq ewlenin	61,0	41,5

ANNEX VII

RENDIMENT TAL-EMISSJONIJIET

Dan l-Anness jispeċifika r-rendiment tal-emissjonijiet għal sustanzi niġġiesa li skonthom għandhom jiġu differenzjati l-pedaġġi u t-tariffi għall-utent f'konformità mal-Artikolu 7gb(1), il-punt (b).

Tabella

Kriterji tar-rendiment tal-emissjonijiet għal sustanzi niġġiesa għal vetturi ħfief

Pedaġġi u tariffi għall-utent	5-15 % inqas mill-ogħla rata	15-25 % inqas mill-ogħla rata	25-35 % inqas mill-ogħla rata	Massimu ta' 75 % inqas mill-ogħla rata
Rendiment tal-emissjonijiet	Euro-6d-temp-x [#]	Euro-6d-x [#]	Valuri massimi ddikjarati tal-RDE għall-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa ^{##} < 80 % tal-limiti tal-emissjonijiet applikabbli	Vetturi b'emissjonijiet żero

fejn x tista' tkun vojta jew tkun waħda minn dawn li ġejjin (EVAP, EVAP-ISC, ISC jew ISC-FCM)

kemm għal NOx kif ukoll għal PN kif irrappurtat fil-punt 48.2 ta' Ċertifikat tal-Konformità, fl-Appendiċi għall-Anness VIII għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683*.

* Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 tal-15 ta' April 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (ĠU L 163, 26.5.2020, p. 1).'